

Brussell, 4 ta' Lulju 2024
(OR. en)

10642/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0085(COD)

CODEC 1425
ENV 580
CLIMA 227
CONSOM 208
MI 569
IND 294
COMPET 614
PE 160

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-11 sal-14 ta' Marzu 2024)

I. INTRODUEZZJONI

Ir-rapporteurs, Cyrus ENGERER (S&D, MT) u Andrus ANSIP (RE, EE), ippreżentaw rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Direttiva f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) li kien fih 147 emenda (l-emendi 1 sa 146 u 173) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-grupp PPE ressaq emenda waħda (l-emenda 147), il-grupp ECR ressaq ħames emendi (l-emendi 148 sa 152), il-grupp ID ressaq tliet emendi (l-emendi 153 sa 155), il-grupp S&D ressaq 10 emendi (l-emendi 156 sa 165), għadd ta' MEPs minn gruppi politiċi differenti ressqu emenda waħda (l-emenda 166) u l-grupp Renew ressaq sitt emendi (l-emenda 167 sa 172).

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Marzu 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emendi 1 sa 59, 62 sa 64, 68 sa 146, 156, 157, 159 sa 162 u 167 sa 173 għall-proposta għal Direttiva. L-emendi 158 u 163 sa 165 ġew irtirati. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument.*

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0131

Is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi)

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) (COM(2023)0166 – C9-0116/2023 – 2023/0085(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0166),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0116/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0056/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 86.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-asserzjoni ta' "ekoloġiċi" u sostenibbli saret fattur ta' kompetittività, bil-prodotti ekoloġiċi jirreġistraw tkabbir akbar mill-prodotti standard. Jekk il-prodotti u s-servizzi offruti u mixtrija fis-suq intern ma jkunux favur l-ambjent daqskemm ippreżentati, dan iqarra bil-konsumaturi, ixekkel it-tranżizzjoni ekoloġika u jipprevjeni t-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi. Il-potenzjal tas-swieq ekoloġiċi ma huwiex irrealizzat bis-sħiħ. Ir-rekwiżiti differenti imposti mil-leġislazzjoni nazzjonali jew minn inizjattivi privati li jirregolaw l-asserzjonijiet ambjentali joħlqu piż għall-kumpaniji fil-kummerċ transfruntier, minħabba li jeħtieġ li jikkonformaw ma' rekwiżiti differenti f'kull Stat Membru. Dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li joperaw fis-suq intern u jieħdu vantaġġ minnu. Fl-istess ħin, il-parteċipanti fis-suq għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw asserzjonijiet ambjentali affidabbli u biex jieħdu deċiżjonijiet ottimali dwar ix-xiri fis-suq intern. Bi proliferazzjoni ta' tikketti u metodi ta' kalkolu differenti fis-suq, huwa diffiċli għall-konsumaturi, għan-negozji, għall-investituri u għall-partijiet ikkonċernati li jistabbilixxu jekk l-asserzjonijiet humiex ta' min joqgħod fuqhom.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Regoli dettaljati tal-Unjoni dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali

Emenda

(1) L-asserzjoni ta' "ekoloġiċi" u sostenibbli saret fattur ta' kompetittività, bil-prodotti ekoloġiċi jirreġistraw tkabbir akbar mill-prodotti standard **hekk kif jikber l-interess tal-konsumaturi**. Jekk il-prodotti u s-servizzi offruti u mixtrija fis-suq intern ma jkunux favur l-ambjent daqskemm ippreżentati, dan iqarra bil-konsumaturi, ixekkel it-tranżizzjoni ekoloġika, u jipprevjeni t-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi. Il-potenzjal tas-swieq ekoloġiċi ma huwiex irrealizzat bis-sħiħ. Ir-rekwiżiti differenti imposti mil-leġislazzjoni nazzjonali jew minn inizjattivi privati li jirregolaw l-asserzjonijiet ambjentali joħlqu piż għall-kumpaniji fil-kummerċ transfruntier, minħabba li jeħtieġ li jikkonformaw ma' rekwiżiti differenti f'kull Stat Membru. Dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li joperaw fis-suq intern u jieħdu vantaġġ minnu. Fl-istess ħin, il-parteċipanti fis-suq għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw asserzjonijiet ambjentali affidabbli u biex jieħdu deċiżjonijiet ottimali dwar ix-xiri fis-suq intern. Bi proliferazzjoni ta' tikketti u metodi ta' kalkolu differenti fis-suq, huwa diffiċli għall-konsumaturi, għan-negozji, għall-investituri u għall-partijiet ikkonċernati li jistabbilixxu jekk l-asserzjonijiet humiex ta' min joqgħod fuqhom.

espliċiti, applikabbli għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-Unjoni fil-komunikazzjoni min-negozju għall-konsumatur, se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, newtrali għall-klima u nadifa fl-Unjoni billi jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri, u se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tas-suq li jagħmlu tali asserzjonijiet.

espliċiti, applikabbli għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-Unjoni fil-komunikazzjoni min-negozju għall-konsumatur, se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, newtrali għall-klima u nadifa fl-Unjoni, **li tirrispetta l-konfini tal-pjaneta**, billi jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri, u se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tas-suq li jagħmlu tali asserzjonijiet **filwaqt li jippromwovu l-konsum sostenibbli**.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Qafas regolatorju għall-asserzjonijiet ambjentali huwa waħda mill-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni biex timplimenta l-Patt Ekoloġiku Ewropew⁶⁹, li jirrikonoxxi li informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli għandha rwol importanti sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli u tnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", u tinkludi impenji biex jiżdiedu l-isforzi regolatorji u mhux regolatorji biex jiġu indirizzati l-asserzjonijiet ambjentali foloz. Flimkien ma' oqfsa regolatorji applikabbli oħrajn tal-Unjoni, inkluża l-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika⁷⁰, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ li din il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa, dawn jistabbilixxu reġim ċar għall-asserzjonijiet ambjentali, inklużi t-tikketti ambjentali.

⁶⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final

⁷⁰ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament

Emenda

(6) Qafas regolatorju għall-asserzjonijiet ambjentali huwa waħda mill-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni biex timplimenta l-Patt Ekoloġiku Ewropew⁶⁹, li jirrikonoxxi li informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli għandha rwol importanti sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli u tnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", u tinkludi impenji biex jiżdiedu l-isforzi regolatorji u mhux regolatorji biex jiġu indirizzati l-asserzjonijiet ambjentali foloz. Flimkien ma' oqfsa regolatorji applikabbli oħrajn tal-Unjoni, inkluża l-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika⁷⁰, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ li din il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa **bħala lex specialis**, dawn jistabbilixxu reġim ċar għall-asserzjonijiet ambjentali, inklużi t-tikketti ambjentali.

⁶⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final

⁷⁰ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar, COM(2022) 143 final.

⁷¹ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar, COM(2022) 143 final.

⁷¹ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Din id-Direttiva hija parti minn sett ta' inizjattivi interrelatati biex jiġi stabbilit qafas ta' politika tal-prodotti b'saħħtu u koerenti li se jagħmel il-prodotti u l-mudelli kummerċjali ambjentalment sostenibbli n-norma, mhux l-eċċezzjoni, u biex jiġu ttrasformati x-xejriet tal-konsum sabiex l-ewwel u qabel kolloxx ma jiġi prodott l-ebda skart. Id-Direttiva hija kkomplementata, fost l-oħrajn, minn interventi dwar id-disinn ċirkolari tal-prodotti, dwar it-trawwim ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi biex jiġi evitat li prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent jitqiegħdu fis-suq tal-UE permezz tal-proposta għal Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli⁷².

⁷² Il-Proposta għal Regolament tal-

Emenda

(7) Din id-Direttiva hija parti minn sett ta' inizjattivi interrelatati biex jiġi stabbilit qafas ta' politika tal-prodotti b'saħħtu u koerenti li se jagħmel il-prodotti u l-mudelli kummerċjali ambjentalment sostenibbli n-norma, mhux l-eċċezzjoni, u biex **jiġi żgurat li asserzjoni, li tirrifletti biss prattika komuni, ma tkunx tista' tiġi kkomunikata lill-konsumaturi bħala waħda sostenibbli. Sabiex** jiġu ttrasformati x-xejriet tal-konsum sabiex l-ewwel u qabel kolloxx ma jiġi prodott l-ebda skart. Id-Direttiva hija kkomplementata, fost l-oħrajn, minn interventi dwar id-disinn ċirkolari tal-prodotti, dwar it-trawwim ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi biex jiġi evitat li prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent jitqiegħdu fis-suq tal-UE permezz tal-proposta għal Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli⁷².

⁷² Il-Proposta għal Regolament tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM(2022) 132 final

Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM(2022) 132 final

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, u f'konformità mal-mira li sal-2030 tinkiseb 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika u mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika (COM(2021) 141), il-biedja organika u l-produzzjoni organika jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar. Fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷³, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal asserzjonijiet ambjentali dwar prodotti ċertifikati organikament issostanzjati abbażi ta' dak ir-Regolament, relatati, pereżempju, mal-użu ta' pestiċidi, fertilizzanti u antimikrobiċi jew, pereżempju, mal-impatti pożittivi tal-biedja organika fuq il-bijodiversità, il-ħamrija jew l-ilma⁷⁴. Hija għandha wkoll impatt pożittiv fuq il-bijodiversità, toħloq l-impjiegi u tattira bdiewa żgħażaġh. Il-konsumaturi jirrikonoxxu l-valur tagħha. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, it-termini "bijo" u "eko" u d-derivattivi tagħhom, kemm jekk wehldhom kif ukoll jekk flimkien, għandhom jintużaw biss fl-Unjoni għall-prodotti, l-ingredjenti jew il-materjali tal-għalf tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament meta jkunu ġew prodotti f'konformità mar-Regolament (UE)

Emenda

(9) Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, u f'konformità mal-mira li sal-2030 tinkiseb 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika u mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika (COM(2021) 141), il-biedja organika u l-produzzjoni organika jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar. Fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷³, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal asserzjonijiet ambjentali dwar prodotti ċertifikati organikament issostanzjati abbażi ta' dak ir-Regolament, relatati, pereżempju, mal-użu ta' pestiċidi, fertilizzanti u antimikrobiċi jew, pereżempju, mal-impatti pożittivi tal-biedja organika fuq il-bijodiversità, il-ħamrija jew l-ilma⁷⁴. Hija għandha wkoll impatt pożittiv fuq il-bijodiversità, **u impatt soċjali pożittiv peress li** toħloq l-impjiegi u tattira bdiewa żgħażaġh. Il-konsumaturi jirrikonoxxu l-valur tagħha. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, it-termini "bijo" u "eko" u d-derivattivi tagħhom, kemm jekk wehldhom kif ukoll jekk flimkien, għandhom jintużaw biss fl-Unjoni għall-prodotti, l-ingredjenti jew il-materjali tal-għalf tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament meta jkunu ġew prodotti

2018/848. Pereżempju, sabiex il-qoton jissejjaħ "eko", huwa għandu jiġi ċċertifikat bħala organiku, minħabba li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848. Għall-kuntrarju, jekk id-deterġent tal-magna tal-ħasil tal-platti jissejjaħ "eko", dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848, u minflok jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE.

⁷³ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

⁷⁴

https://agriculture.ec.europa.eu/system/files/2023-01/agri-market-brief-20-organic-farming-eu_en_1.pdf

f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848. Pereżempju, sabiex il-qoton jissejjaħ "eko", huwa għandu jiġi ċċertifikat bħala organiku, minħabba li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848. Għall-kuntrarju, jekk id-deterġent tal-magna tal-ħasil tal-platti jissejjaħ "eko", dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848, u minflok jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE.

⁷³ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

⁷⁴

https://agriculture.ec.europa.eu/system/files/2023-01/agri-market-brief-20-organic-farming-eu_en_1.pdf

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE ta' Tniġġis Żero għall-Ilma, l-Arja u l-Ħamrija (COM 2021/400), l-Istrateġija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà (COM/2020/667) u l-Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent (COM/2019/128), is-settur tal-kurats-saħħa għandu rwol rilevanti fit-tnaqqis tal-pressjonijiet ambjentali. F'dak il-kuntest, l-istabbiliment ta' qafas regolatorju xieraq għall-użu tal-asserzjonijiet ekoloġiċi relatati mas-sostenibbiltà, il-bijodegradabbiltà, iċ-ċirkolarità u l-oriġini tal-komponenti tal-prodott kemm għall-prodotti

mediċinali, f'konformità mad-Direttiva 2001/83/KE, kif ukoll għall-apparati mediċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/745, huwa kruċjali sabiex il-kumpaniji jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali u jiggarrantixxu komunikazzjoni lill-konsumaturi.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) *F'każ li l-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni tistabbilixxi regoli dwar l-asserzjonijiet ambjentali, it-tikketti ambjentali, jew dwar il-valutazzjoni jew il-komunikazzjoni tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' ċerti prodotti jew kummerċjanti f'setturi speċifiċi, pereżempju l-"Count Emissions EU" imħabbra, il-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar qafas leġiżlattiv għal sistema tal-ikel sostenibbli tal-Unjoni, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli⁷⁷ jew ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁸, dawk ir-regoli jenħtieġ li jiġu applikati għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti inkwistjoni minflok ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.*

imħassar

⁷⁷ COM(2022) 132 final

⁷⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Il-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE, tistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti speċifiċi dwar l-asserzjonijiet ambjentali u tipprojbixxi asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi li ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonossuta rilevanti għall-asserzjoni. Eżempji ta' tali asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi huma "jirrispettaw l-ambjent", "*eko*", "ħodor", "ħbieb tan-natura", "ekoloġiċi" **u** "ambjentalment korretti". Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-proposta billi tindirizza aspetti u rekwiżiti speċifiċi għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti fir-rigward tas-sostanzjar, il-komunikazzjoni u l-verifika tagħhom. Jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva japplikaw għal aspetti speċifiċi ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u se jipprevalu fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE fir-rigward ta' dawk l-aspetti f'każ ta' kunflitt, skont l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli li

Emenda

(14) Il-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE, tistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti speċifiċi dwar l-asserzjonijiet ambjentali u tipprojbixxi asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi li ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonossuta rilevanti għall-asserzjoni. Eżempji ta' tali asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi huma "***favur l-ambjent***", "jirrispettaw l-ambjent", "ħodor", "ħbieb tan-natura", "ekoloġiċi", "ambjentalment korretti", "***favur il-klima***", "***ma jagħmlux ħsara lill-ambjent***", "***b'ammont baxx ta' karbonju***", "***effiċjenti fl-użu tal-enerġija***", "***bijodegradabbli***", "***b'bażi bijoloġika***" ***jew dikjarazzjonijiet simili li jissuġġerixxu jew joħlqu l-impressjoni ta' prestazzjoni ambjentali eċċellenti.*** Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-proposta billi tindirizza aspetti u rekwiżiti speċifiċi għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti fir-rigward tas-sostanzjar, il-komunikazzjoni u l-verifika tagħhom. Jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva japplikaw għal aspetti speċifiċi ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u se jipprevalu fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE fir-rigward ta' dawk l-aspetti f'każ ta' kunflitt, skont l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva.

Emenda

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli li

tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u biex jitnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li tali sostanzjar iqis l-approċċi xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment għall-identifikazzjoni u l-kejl tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali u l-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti jew kummerċjanti, u jenħtieġ li jirriżulta f'informazzjoni affidabbli, trasparenti, komparabbli u verifikabbli lill-konsumatur.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-valutazzjoni li ssir biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jeħtieġ li tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott jew tal-attivitajiet ġenerali tal-kummerċjant u jenħtieġ li ma tħalli barra l-ebda aspekt ambjentali jew impatt ambjentali rilevanti. Jenħtieġ li l-benefiċċji mitluba ma jirriżultawx fi trasferiment ***mhux ġustifikat*** ta' impatti negattivi għal stadji oħrajn ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew kummerċjant, jew għall-ħolqien jew iż-żieda ta' impatti ambjentali negattivi oħrajn.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) F'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE kif emendata mill-proposta għal Direttiva dwar l-

tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u biex jitnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li tali sostanzjar iqis l-approċċi xjentifiċi ***robusti u indipendenti, aġġornati*** għall-identifikazzjoni u l-kejl tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali u l-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti jew kummerċjanti, u jenħtieġ li jirriżulta f'informazzjoni affidabbli, trasparenti, komparabbli u verifikabbli lill-konsumatur.

Emenda

(16) Il-valutazzjoni li ssir biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jeħtieġ li tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott jew tal-attivitajiet ġenerali tal-kummerċjant u jenħtieġ li ma tħalli barra l-ebda aspekt ambjentali jew impatt ambjentali rilevanti. Jenħtieġ li l-benefiċċji mitluba ma jirriżultawx fi trasferiment ta' impatti negattivi għal stadji oħrajn ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew kummerċjant, jew għall-ħolqien jew iż-żieda ta' impatti ambjentali negattivi oħrajn.

Emenda

(18) F'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE kif emendata mill-proposta għal Direttiva dwar l-

għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, jenħtiegħ li l-kummerċjant ma jippreżentax rekwiżiti imposti mil-liġi fuq prodotti f'kategorija ta' prodotti partikolari bħala karatteristika distintiva tal-offerta tal-kummerċjant jew ma jirreklamax benefiċċji għall-konsumaturi li huma kkunsidrati bħala prattika komuni fis-suq rilevanti. Għalhekk, jenħtiegħ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant meta mqabbla mal-prattika komuni għall-prodotti fil-grupp ta' prodotti rispettiv, bħall-ikel, jew fis-settur rispettiv. Dan huwa meħtiegħ biex tiġi sostnuta l-valutazzjoni dwar jekk l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jistgħux isiru fir-rigward ta' prodott jew kummerċjant partikolari f'konformità mal-funzjoni ta' asserzjoni ambjentali, li għandha turi li prodott jew kummerċjant għandu impatt pożittiv jew l-ebda impatt fuq l-ambjent, jew li prodott jew kummerċjant jagħmel inqas ħsara lill-ambjent minn prodott jew kummerċjanti oħrajn. Il-prattika komuni tista' tkun ekwivalenti għar-rekwiżiti legali minimi li huma applikabbli għall-aspett ambjentali speċifiku jew għall-prestazzjoni ambjentali speċifika, pereżempju fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-prodott, tal-kontenut riċiklat obbligatorju jew tat-trattament fi tmiem il-ħajja. Madankollu, f'każ li l-maġġoranza tal-prodotti fi ħdan il-grupp ta' prodotti jew il-maġġoranza tal-kummerċjanti fi ħdan is-settur ikollhom prestazzjoni aħjar minn dawk ir-rekwiżiti legali, jenħtiegħ li r-rekwiżiti legali minimi ma jitqisux bħala prattika komuni.

għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, jenħtiegħ li l-kummerċjant ma jippreżentax rekwiżiti imposti mil-liġi fuq prodotti f'kategorija ta' prodotti partikolari bħala karatteristika distintiva tal-offerta tal-kummerċjant jew ma jirreklamax benefiċċji għall-konsumaturi li huma kkunsidrati bħala prattika komuni fis-suq rilevanti. Għalhekk, jenħtiegħ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant meta mqabbla mal-prattika komuni għall-prodotti fil-grupp ta' prodotti rispettiv, bħall-ikel, jew fis-settur rispettiv. Dan huwa meħtiegħ biex tiġi sostnuta l-valutazzjoni dwar jekk l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jistgħux isiru fir-rigward ta' prodott jew kummerċjant partikolari f'konformità mal-funzjoni ta' asserzjoni ambjentali, li għandha turi li prodott jew kummerċjant għandu impatt pożittiv jew l-ebda impatt fuq l-ambjent, jew li prodott jew kummerċjant jagħmel inqas ħsara lill-ambjent minn prodott jew kummerċjanti oħrajn. Il-prattika komuni tista' tkun ekwivalenti għar-rekwiżiti legali minimi li huma applikabbli għall-aspett ambjentali speċifiku jew għall-prestazzjoni ambjentali speċifika, pereżempju fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-prodott, tal-kontenut riċiklat obbligatorju jew tat-trattament fi tmiem il-ħajja. Madankollu, f'każ li l-maġġoranza tal-prodotti fi ħdan il-grupp ta' prodotti, jew il-maġġoranza tal-kummerċjanti fi ħdan is-settur ikollhom prestazzjoni aħjar minn dawk ir-rekwiżiti legali, jenħtiegħ li r-rekwiżiti legali minimi ma jitqisux bħala prattika komuni. ***Barra minn hekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti u t-trademarks tagħhom, bħal skemi ta' ċertifikazzjoni li jużaw ċertifikazzjoni ta' katina tal-kustodja, li jistgħu jkunu aktar suxxettibbli għal***

frodi jew li ma jistgħux jiggarrantixxu b'mod affidabbli l-legalità tal-produtturi tal-prodotti ċertifikati, jenħtieġ li jiġu vverifikati għalkollox skont ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva biex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Ikun qarrieqi għall-konsumaturi jekk asserzjoni ambjentali espliċita tindika l-benefiċċji f'termini tal-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali, filwaqt li tħalli barra li l-kisba ta' dawk il-benefiċċji twassal għal compromessi negattivi fuq impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħrajn. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiżgura li l-interkonnessjonijiet bejn l-impatti ambjentali rilevanti u bejn l-aspetti ambjentali u l-impatti ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati flimkien ma' compromessi potenzjali. Il-valutazzjoni użata biex tissostanzja l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jenħtieġ li tidentifika jekk it-titjib fl-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali jwassalx għat-tip ta' compromessi li jaggravaw ***b'mod sinifikanti l-prestazzjoni*** fir-rigward ta' impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħra, pereżempju jekk l-iffrankar fil-konsum tal-ilma jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jew fl-istess impatt ambjentali fi stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, pereżempju l-iffrankar tas-CO₂ fl-istadju tal-manifattura li jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tas-CO₂ fil-fażi tal-użu. Pereżempju, asserzjoni dwar l-impatti pożittivi mill-użu effiċjenti tar-riżorsi fi Prattiki agrikoli intensivi tista' twassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa minħabba compromessi marbuta mal-

Emenda

(19) Ikun qarrieqi għall-konsumaturi jekk asserzjoni ambjentali espliċita tindika l-benefiċċji f'termini tal-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali, filwaqt li tħalli barra li l-kisba ta' dawk il-benefiċċji twassal għal compromessi negattivi fuq impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħrajn. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiżgura li l-interkonnessjonijiet bejn l-impatti ambjentali rilevanti u bejn l-aspetti ambjentali u l-impatti ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati flimkien ma' compromessi potenzjali. Il-valutazzjoni użata biex tissostanzja l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jenħtieġ li tidentifika jekk it-titjib fl-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali jwassalx għat-tip ta' compromessi li jaggravaw ***il-prestazzjoni*** fir-rigward ta' impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħra, pereżempju jekk l-iffrankar fil-konsum tal-ilma jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jew fl-istess impatt ambjentali fi stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, pereżempju l-iffrankar tas-CO₂ fl-istadju tal-manifattura li jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tas-CO₂ fil-fażi tal-użu. Pereżempju, asserzjoni dwar l-impatti pożittivi mill-użu effiċjenti tar-riżorsi fi Prattiki agrikoli intensivi tista' twassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa minħabba compromessi marbuta mal-impatti fuq il-bijodiversità, l-ekosistemi

impatti fuq il-bijodiversità, l-ekosistemi jew il-benesseri tal-annimali. Dikjarazzjoni ambjentali dwar it-tessuti li fihom polimeru tal-plastik minn fliexken tal-PET riċiklati tista' wkoll tqarraq bil-konsumaturi dwar il-benefiċċju ambjentali ta' dak l-aspett jekk l-użu ta' dan il-polimeru riċiklat jikkompeti mas-sistema ta' riċiklaġġ f'ċirkwit magħluq għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li hija meqjusa aktar ta' benefiċċju mill-perspettiva taċ-ċirkolarità.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Intwera li l-asserzjonijiet relatati mal-klima huma partikolarment suxxettibbli li ma jkunux ċari iżda ambigwi u li jqarrqu bil-konsumaturi. Dan huwa relatat b'mod partikolari mal-asserzjonijiet ambjentali li l-prodotti jew l-entitajiet huma "newtrali għall-klima", "newtrali għall-karbonju", "100 % ikkumpensati għas-CO₂", jew li se jkunu "zero netti" sa sena partikolari, jew simili. Dikjarazzjonijiet bħal dawn spiss ikunu bbażati fuq "kumpens" għal emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz ta' "krediti tal-karbonju" ġġenerati barra mill-katina tal-valur tal-kumpanija, pereżempju minn proġetti tal-forestrija jew tal-enerġija rinnovabbli. Il-metodoloġiji li fuqhom huma bbażati l-kumpensi jvarjaw ħafna u mhux dejjem ikunu trasparenti, akkurati jew konsistenti. Dan iwassal għal riskji sinifikanti ta' stimi eċċessivi u għadd doppju ta' emissjonijiet evitati jew imnaqqs, minħabba nuqqas ta' addizzjonalità, permanenza, linji bażi ta' kreditu ambizzjużi u dinamiċi li jitbiegħdu miż-żamma tal-istatus quo, u kontabbiltà akkurata. Dawn il-fatturi jirriżultaw fi krediti ta' kumpens ta' integrità u kredibbiltà ambjentali baxxi li jqarrqu bil-

jew il-benesseri tal-annimali. Dikjarazzjoni ambjentali ***dwar l-enerġija ekoloġika tista' tqarraq bil-konsumaturi jekk tkun ibbażata fuq riżorsi li għandhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp lokali u l-ambjent, jew*** dwar it-tessuti li fihom polimeru tal-plastik minn fliexken tal-PET riċiklati tista' wkoll tqarraq bil-konsumaturi dwar il-benefiċċju ambjentali ta' dak l-aspett jekk l-użu ta' dan il-polimeru riċiklat jikkompeti mas-sistema ta' riċiklaġġ f'ċirkwit magħluq għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li hija meqjusa aktar ta' benefiċċju mill-perspettiva taċ-ċirkolarità.

Emenda

(21) Intwera li l-asserzjonijiet relatati mal-klima huma partikolarment suxxettibbli li ma jkunux ċari iżda ambigwi u li jqarrqu bil-konsumaturi. Dan huwa relatat b'mod partikolari mal-asserzjonijiet ambjentali li l-prodotti jew l-entitajiet huma "newtrali għall-klima", "newtrali għall-karbonju", "100 % ikkumpensati għas-CO₂", jew li se jkunu "zero netti" sa sena partikolari, jew simili. Dikjarazzjonijiet bħal dawn spiss ikunu bbażati fuq "kumpens" għal emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz ta' "krediti tal-karbonju" ġġenerati barra mill-katina tal-valur tal-kumpanija, pereżempju minn proġetti tal-forestrija jew tal-enerġija rinnovabbli. Il-metodoloġiji li fuqhom huma bbażati l-kumpensi jvarjaw ħafna u mhux dejjem ikunu trasparenti, akkurati jew konsistenti. Dan iwassal għal riskji sinifikanti ta' stimi eċċessivi u għadd doppju ta' emissjonijiet evitati jew imnaqqs, minħabba nuqqas ta' addizzjonalità, permanenza, linji bażi ta' kreditu ambizzjużi u dinamiċi li jitbiegħdu miż-żamma tal-istatus quo, u

konsumaturi meta jiġu invokati f'asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Il-kumpens jista' wkoll jiskoraġġixxi lill-kummerċjanti mit-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess. Sabiex jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri globali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-kummerċjanti jagħtu prijorità lit-tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess minflok ma ***jiddependu fuq kumpensi***. Kwalunkwe emissjoni residwa li tirriżulta se tvarja skont il-perkors speċifiku għas-settur f'konformità mal-miri klimatiċi globali u se jkollha tiġi indirizzata permezz ta' titjib fl-assorbimenti. Madankollu, meta jintużaw kumpensi, huwa meqjus xieraq li jiġu indirizzati l-asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi l-asserzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali futura, abbażi ta' ***kumpensi*** b'mod trasparenti. ***Għalhekk, jenħtieġ li s-sostanzjar ta' asserzjonijiet relatati mal-klima jqis kwalunkwe kumpens għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra użat mill-kummerċjanti separatament mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-kummerċjant jew tal-prodott. Barra minn hekk, jenħtieġ li din l-informazzjoni tispeċifika wkoll is-sehem tal-emissjonijiet totali li huma indirizzati permezz ta' kumpens, kemm jekk dawn il-kumpensi jkunu relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew mat-titjib tal-assorbimenti, u l-metodoloġija applikata. L-asserzjonijiet relatati mal-klima li jinkludu l-użu ta' kumpensi għandhom jiġu ssostanzjati b'metodoloġiji li jiżguraw l-integrità u l-kontabbiltà korretta ta' dawn il-kumpensi u, b'hekk, jirriflett u b'mod koerenti u trasparenti l-impatt li jirriżulta fuq il-klima.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 22

kontabbiltà akkurata. Dawn il-fatturi jirriżultaw fi krediti ta' kumpens ta' integrità u kredibbiltà ambjentali baxxi li jqarrqu bil-konsumaturi meta jiġu invokati f'asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Il-kumpens jista' wkoll jiskoraġġixxi lill-kummerċjanti mit-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess. Sabiex jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri globali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-kummerċjanti jagħtu prijorità lit-tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess minflok ***il-kumpensi***. Kwalunkwe emissjoni residwa li tirriżulta se tvarja skont il-perkors speċifiku għas-settur f'konformità mal-miri klimatiċi globali u se jkollha tiġi indirizzata permezz ta' titjib fl-assorbimenti. Madankollu, meta jintużaw kumpensi, huwa meqjus xieraq li jiġu indirizzati l-asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi l-asserzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali futura, abbażi ta' ***krediti tal-karbonju*** b'mod trasparenti.

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Il-kummerċjanti huma dejjem aktar interessati li jagħmlu asserzjonijiet ambjentali relatati mal-prestazzjoni ambjentali futura ***ta' prodott jew*** ta' kummerċjant, inkluż billi jingħaqdu ma' inizjattivi li qed jippromwovu prattiki li jistgħu jwasslu għal impatt ambjentali mnaqqas jew għal aktar ċirkolarità. Jenħtieġ li dawn l-asserzjonijiet jiġu ssostanzjati f'konformità mar-regoli applikabbli għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti kollha.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tkun ibbażata fuq ix-xjenza, u jenħtieġ li kwalunkwe nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' ċerti impatti ambjentali jew aspetti ambjentali jiġi kkunsidrat bir-reqqa.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 27

Emenda

(22) Il-kummerċjanti huma dejjem aktar interessati li jagħmlu asserzjonijiet ambjentali relatati mal-prestazzjoni ambjentali futura ta' kummerċjant, inkluż billi jingħaqdu ma' inizjattivi li qed jippromwovu prattiki li jistgħu jwasslu għal impatt ambjentali mnaqqas jew għal aktar ċirkolarità. Jenħtieġ li dawn l-asserzjonijiet jiġu ssostanzjati f'konformità mar-regoli applikabbli għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti kollha.

Emenda

(23) Jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tkun ibbażata ***fuq evidenza xjentifika indipendenti, rieżaminata bejn il-pari, rikonoxxuta b'mod wiesa', robusta u li tista' tiġi vverifikata, jiġifieri fuq metodi, approċċi jew studji li ġew żviluppati f'konformità mal-aħjar prattiki f'termini ta' trasparenza u rieżaminati bejn il-pari mill-komunità xjentifika***, u jenħtieġ li kwalunkwe nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' ċerti impatti ambjentali jew aspetti ambjentali jiġi kkunsidrat bir-reqqa. ***Il-metodoloġiji jeħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-integrità tal-valutazzjonijiet.***

(27) Il-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa wkoll minn asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jiddikjaraw jew jimplikaw li prodott jew kummerċjant għandu inqas jew aktar impatti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali aħjar jew agħar minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn ("asserzjonijiet ambjentali komparattivi"). Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, fejn xieraq, tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸³, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni affidabbli, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ambjentali komparattivi jkunu jistgħu jitqabblu b'mod adegwat. Pereżempju, l-għażla ta' indikaturi dwar l-istess aspetti ambjentali, iżda bl-użu ta' formula differenti għall-kwantifikazzjoni ta' tali indikaturi, tagħmel il-paraguni impossibbli u, għalhekk, hemm riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. F'każ li żewġ kummerċjanti jagħmlu asserzjoni ambjentali dwar it-tibdil fil-klima, fejn wieħed ikkunsidra biss impatti ambjentali diretti, filwaqt li l-ieħor ikkunsidra kemm l-impatti ambjentali diretti kif ukoll dawk indiretti, dawn ir-riżultati ma humiex komparabbli. Barra minn hekk, deċiżjoni li l-paragun isir biss f'ċerti stadji ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott tista' twassal għal asserzjonijiet qarrieqa, jekk mhux magħmula trasparenti. Asserzjoni ambjentali komparattiva jeħtieġ li tiżgura li anki għal prodotti b'materja prima, użi u ktajjen tal-ipproċessar differenti ħafna, bħall-plastik b'bażi bijoloġika u l-plastik ibbażat fuq il-fossili, l-aktar stadji rilevanti ta' ċiklu tal-ħajja jitqiesu għall-prodotti kollha. Pereżempju, l-agrikoltura jew il-forestrija hija rilevanti għall-plastik b'bażi bijoloġika, filwaqt li l-estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum hija rilevanti għall-plastik ibbażat fuq il-fossili u l-kwistjoni dwar jekk sehem rilevanti tal-prodott jispiċċax fil-miżbla hija rilevanti ħafna għall-plastiks li jsiru bijodegradabbli sew taħt il-kundizzjonijiet tal-miżbljet, iżda forsi inqas

(27) Il-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa wkoll minn asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jiddikjaraw jew jimplikaw li prodott jew kummerċjant għandu inqas jew aktar impatti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali aħjar jew agħar minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn ("asserzjonijiet ambjentali komparattivi"). Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, fejn xieraq, tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸³, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni affidabbli, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ambjentali komparattivi jkunu jistgħu jitqabblu b'mod adegwat. Pereżempju, **ċertifikazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u ċertifikazzjoni bbażata fuq il-proċess jibbażaw fuq settijiet differenti ta' indikaturi, bħall-istabbiliment ta' livelli ta' limiti speċifiċi li jeħtieġ li jiġu ssodisfati jew l-iżgurar li hemm stabbilita ċerta proċedura.** L-għażla ta' indikaturi dwar l-istess aspetti ambjentali, iżda bl-użu ta' formula differenti għall-kwantifikazzjoni ta' tali indikaturi, tagħmel il-paraguni impossibbli u, għalhekk, hemm riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. F'każ li żewġ kummerċjanti jagħmlu asserzjoni ambjentali dwar it-tibdil fil-klima, fejn wieħed ikkunsidra biss impatti ambjentali diretti, filwaqt li l-ieħor ikkunsidra kemm l-impatti ambjentali diretti kif ukoll dawk indiretti, dawn ir-riżultati ma humiex komparabbli. Barra minn hekk, deċiżjoni li l-paragun isir biss f'ċerti stadji ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott tista' twassal għal asserzjonijiet qarrieqa, jekk mhux magħmula trasparenti. Asserzjoni ambjentali komparattiva jeħtieġ li tiżgura li anki għal prodotti b'materja prima, użi u ktajjen tal-ipproċessar differenti ħafna, bħall-plastik b'bażi bijoloġika u l-plastik ibbażat fuq il-fossili, l-aktar stadji rilevanti ta' ċiklu tal-ħajja jitqiesu għall-prodotti kollha. Pereżempju, l-agrikoltura jew il-forestrija hija rilevanti għall-plastik b'bażi

rilevanti għall-plastiks li ma jgħaddux minn bijodegradazzjoni taħt kundizzjonijiet bħal dawn.

bijoloġika, filwaqt li l-estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum hija rilevanti għall-plastik ibbażat fuq il-fossili u l-kwistjoni dwar jekk sehem rilevanti tal-prodott jispiċċax fil-miżbla hija rilevanti ħafna għall-plastiks li jsiru bijodegradabbli sew taħt il-kundizzjonijiet tal-miżbliet, iżda forsi inqas rilevanti għall-plastiks li ma jgħaddux minn bijodegradazzjoni taħt kundizzjonijiet bħal dawn.

⁸³ Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21).

⁸³ Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21).

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Huwa importanti li l-kummerċjanti ma jagħmlux asserzjonijiet ġeneriċi bħal "konxju", "sostenibbli", u "responsabbli", ibbażati esklużivament fuq prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonoxxuta, minħabba li tali termini huma marbutin ma' karatteristiċi oħra minbarra l-karatteristiċi ambjentali, bħal karatteristiċi soċjali.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-isfidi li jiffaċċjaw l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju f'termini ta' riżorsi u kapaċitajiet, speċjalment meta mqabbel ma' korporazzjonijiet kbar. Għalhekk, huwa essenzjali li meta l-Istati Membri jimplimentaw din id-Direttiva, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Sabiex jiġu ssodisfati kemm il-ħtiġijiet tall-kummerċjanti fir-rigward tal-istrateġiji dinamiċi ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi rigward informazzjoni ambjentali aktar dettaljata u aktar preċiża, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti billi tispeċifika aktar il-kriterji għal tali sostanzjar fir-rigward ta' ċerti asserzjonijiet (eż. asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi asserzjonijiet **dwar kumpensi**, "newtralità klimatika" **jew kontenut simili, riċiklabbli** u kontenut riċiklat). Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tkompli tistabbilixxi regoli għall-kejl u l-kalkolu tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali u tal-prestazzjoni ambjentali, billi tiddetermina liema attivitajiet, proċessi, materjali, emissjonijiet jew użu ta' prodott jew ta' kummerċjant jikkontribwixxu b'mod sinifikanti jew ma jistgħux jikkontribwixxu għall-impatti ambjentali u l-aspetti ambjentali rilevanti; billi tiddetermina għal liema aspetti ambjentali u impatti ambjentali jenħtieġ li tintuża l-informazzjoni primarja; u billi jiġu ddeterminati l-kriterji għall-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-informazzjoni primarja u sekondarja. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li tadotta dawn ir-regoli biss wara li jkollha r-riżultati tal-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali fis-suq tal-Unjoni, għal xi tipi ta' asserzjonijiet jista' jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tadotta regoli supplimentari qabel ma jkunu disponibbli r-riżultati ta'

Emenda

(31) Sabiex jiġu ssodisfati kemm il-ħtiġijiet tall-kummerċjanti fir-rigward tal-istrateġiji dinamiċi ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi rigward informazzjoni ambjentali aktar dettaljata u aktar preċiża, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti billi tispeċifika aktar il-kriterji għal tali sostanzjar fir-rigward ta' ċerti asserzjonijiet (eż. asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi asserzjonijiet **ibbażati fuq krediti tal-karbonju dwar emissjonijiet residwi ta' kummerċjant, bħal "newtralità klimatika", u asserzjonijiet dwar ir-riċiklabbiltà** u kontenut riċiklat). Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tkompli tistabbilixxi regoli għall-kejl u l-kalkolu tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali u tal-prestazzjoni ambjentali, billi tiddetermina liema attivitajiet, proċessi, materjali, emissjonijiet jew użu ta' prodott jew ta' kummerċjant jikkontribwixxu b'mod sinifikanti jew ma jistgħux jikkontribwixxu għall-impatti ambjentali u l-aspetti ambjentali rilevanti; billi tiddetermina għal liema aspetti ambjentali u impatti ambjentali jenħtieġ li tintuża l-informazzjoni primarja; u billi jiġu ddeterminati l-kriterji għall-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-informazzjoni primarja u sekondarja. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li tadotta dawn ir-regoli biss wara li jkollha r-riżultati tal-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali fis-suq tal-Unjoni, għal xi tipi ta' asserzjonijiet jista' jkun

dan il-monitoraġġ. Pereżempju, fil-każ ta' asserzjonijiet relatati mal-klima, jista' jkun meħtieġ li jiġu adottati tali atti supplimentari sabiex jiġu operazzjonalizzati d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet ibbażati fuq **kumpensi**.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 fiha gwida dwar kif għandha titkejjel il-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti jew organizzazzjonijiet speċifiċi u kif għandhom jiġu żviluppati r-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs) u r-Regoli tas-Settur Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni (OEFSRs) li jippermettu t-tqabbil tal-prodotti ma' punt ta' riferiment. Tali regoli tal-kategorija għal prodotti jew kummerċjanti speċifiċi jistgħu jintużaw biex jappoġġaw is-sostanzjar tal-asserzjonijiet f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-grupp ta' prodotti jew għas-settur fejn dan jista' jkollu valur miżjud. Madankollu, f'każ li l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti jkun għadu ma jkoprix kategorija tal-impatt, li hija rilevanti għal grupp ta' prodotti, l-adozzjoni tal-PEFCR tista' sseħħ biss ladarba jkun żdiedu dawn il-kategoriji tal-impatt ambjentali rilevanti ġodda. Pereżempju, fir-rigward tas-sajd marittimu, jenħtieġ li, pereżempju, il-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-impatt ambjentali speċifiċi għas-sajd, b'mod partikolari s-sostenibbiltà tal-istokk fil-mira. Fir-rigward tal-ispazju,

meħtieġ li l-Kummissjoni tadotta regoli supplimentari qabel ma jkunu disponibbli r-riżultati ta' dan il-monitoraġġ. Pereżempju, fil-każ ta' asserzjonijiet relatati mal-klima, jista' jkun meħtieġ li jiġu adottati tali atti supplimentari sabiex jiġu operazzjonalizzati d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet ibbażati fuq **kreditu tal-karbonju użati fuq emissjonijiet residwi ta' kummerċjant**.

Emenda

(32) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 fiha gwida dwar kif għandha titkejjel il-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti jew organizzazzjonijiet speċifiċi u kif għandhom jiġu żviluppati r-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs) u r-Regoli tas-Settur Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni (OEFSRs) li jippermettu t-tqabbil tal-prodotti ma' punt ta' riferiment. Tali regoli tal-kategorija għal prodotti jew kummerċjanti speċifiċi jistgħu jintużaw biex jappoġġaw is-sostanzjar tal-asserzjonijiet f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-grupp ta' prodotti jew għas-settur fejn dan jista' jkollu valur miżjud. Madankollu, **għal xi gruppi ta' prodotti, il-metodu tal-PEF ma huwiex xieraq biex jipprovdi valutazzjoni ambjentali olistika**. F'każ li l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti jkun għadu ma jkoprix kategorija tal-impatt, li hija rilevanti għal grupp ta' prodotti, l-adozzjoni tal-PEFCR tista' sseħħ biss ladarba jkun żdiedu dawn il-kategoriji tal-impatt ambjentali rilevanti ġodda. Pereżempju, fir-rigward tas-sajd marittimu, jenħtieġ li, pereżempju, il-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-

jenħtieġ li l-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-impatt ambjentali speċifiċi għad-difiża u għall-ispazju, inkluż l-użu tal-ispazju orbitali. Pereżempju, fir-rigward tal-ikel u l-prodotti agrikoli, jenħtieġ li l-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura, kif ukoll il-prattiki tal-biedja, inklużi l-esternalitajiet pożittivi tal-biedja estensiva u t-trattament xieraq tal-annimali, jiġu integrati wkoll qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR. Fir-rigward tat-tessuti, jenħtieġ li l-PEFCR, pereżempju, tkun tirrifletti r-rilaxx tal-mikroplastiks, qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR.

impatt ambjentali speċifiċi għas-sajd, b'mod partikolari s-sostenibbiltà tal-istokk fil-mira. Fir-rigward tal-ispazju, jenħtieġ li l-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-impatt ambjentali speċifiċi għad-difiża u għall-ispazju, inkluż l-użu tal-ispazju orbitali. Pereżempju, fir-rigward tal-ikel u l-prodotti agrikoli, jenħtieġ li l-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura, kif ukoll il-prattiki tal-biedja, inklużi l-esternalitajiet pożittivi tal-biedja estensiva u t-trattament xieraq tal-annimali, jiġu integrati wkoll qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR. Fir-rigward tat-tessuti, jenħtieġ li l-PEFCR, pereżempju, tkun tirrifletti r-rilaxx tal-mikroplastiks, qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR. ***Sabiex tiżviluppa ulterjorment il-metodu kurrenti tal-PEF u tindirizza l-limitazzjonijiet tiegħu, huwa importanti li l-Kummissjoni tevalwa u taġġorna regolarment il-metodi sabiex tirrifletti l-progress xjentifiku. Huwa importanti wkoll li l-Kummissjoni tippermetti lill-Forum ta' konsultazzjoni stabbilit fl-ambitu ta' din id-Direttiva jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' PEFCR jew OEFCR.***

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32a) Sabiex jiġi żgurat l-integrità, l-imparzjalità u kwalità għolja tas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali, u biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti għas-sostanzjar jirriżultaw f'fehim aħjar tal-impatti ambjentali mill-konsumaturi, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali jiġu żviluppati bl-involviment ta' sett bilanċjat ta' partijiet ikkonċernati, bħal organizzazzjonijiet tal-konsumatur, organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali, operaturi ta' skemi ta' tikkettar u korpi kompetenti, minbarra r-

rappreżentanti tal-industrija, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u rappreżentanti tal-industrija tas-snaġġa', trade unions, kummerċjanti, bejjiegħa bl-imnut, importaturi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi forum konsulatattiv, li r-rwol tiegħu se jkun li jipprovdi opinjonijiet dwar jekk ir-regoli u l-metodi eżistenti humiex xierqa għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali speċifiċi, u biex jiġi kkonsultat dwar it-tħejjija tar-reviżjoni jew l-iżvilupp ta' atti delegati ġodda.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Billi d-Direttiva 2005/29/KE diġà tapplika għal asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, hija tippermetti lill-qrati nazzjonali u lill-awtoritajiet amministrattivi jwaqqfu u jipprojbixxu tali asserzjonijiet. Pereżempju, sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali jkunu relatati biss ma' aspetti li huma sinifikanti f'termini tal-impatt ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant. Jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali ***jkunu*** wkoll ċari u mhux ambigwi fir-rigward ta' għal liema aspetti tal-prodott jew tal-kummerċjant jirreferu u jenħtieġ li ma jħallux barra jew ma jaħbux informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodott ***jew tal-kummerċjant*** li l-konsumaturi jeħtieġu sabiex jagħmlu għażliet infurmati. Il-kliem, l-immaġnijiet u l-preżentazzjoni kumplessivi tal-prodott, inklużi ***t-tqassim***, l-għażla tal-kuluri, l-istampi, l-istampi, il-ħsejjes, is-simboli jew it-tikketti, ***inklużi fl-asserzjoni ambjentali*** jenħtieġ li jipprovdu rappreżentazzjoni vera u preċiża tal-iskala tal-benefiċċju ambjentali miksub, u jenħtieġ li ma jiddikjarawx b'mod eċċessiv il-benefiċċju ambjentali miksub.

Emenda

(33) Billi d-Direttiva 2005/29/KE diġà tapplika għal asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, hija tippermetti lill-qrati nazzjonali u lill-awtoritajiet amministrattivi jwaqqfu u jipprojbixxu tali asserzjonijiet. Pereżempju, sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali jkunu relatati biss ma' aspetti li huma sinifikanti f'termini tal-impatt ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant. Jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali ***u l-iskemi ta' tikkettar ikunu*** wkoll ċari u mhux ambigwi fir-rigward ta' għal liema aspetti tal-prodott jew tal-kummerċjant jirreferu u jenħtieġ li ma jħallux barra jew ma jaħbux informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodott li l-konsumaturi jeħtieġu sabiex jagħmlu għażliet infurmati. Il-kliem, l-immaġnijiet u l-preżentazzjoni kumplessivi tal-prodott, inklużi ***t-tagslines, it-tqassim***, l-għażla tal-kuluri, l-istampi, l-istampi, il-ħsejjes, is-simboli, ***it-trademark*** jew it-tikketti, jenħtieġ li jipprovdu rappreżentazzjoni vera u preċiża tal-iskala tal-benefiċċju ambjentali miksub, u jenħtieġ li ma jiddikjarawx b'mod eċċessiv il-benefiċċju ambjentali miksub. ***Meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar l-ammont eżatt ta'***

kontenut ta' materjal ċertifikat ta' prodott, karatteristika li joperaw fuqha ċerti tipi ta' skemi ta' tikkettar, jenħtieġ li ma titnehhix, speċjalment meta l-kontenut ċertifikat minimu jista' jkun żero.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun tikkonċerna prodott finali u l-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali rilevanti ta' tali prodott iseħħu fil-fażi tal-użu u l-konsumaturi jistgħu jinfluwenzaw tali impatti ambjentali jew aspetti ambjentali permezz ta' mgħiba xierqa, bħal, pereżempju, separazzjoni korretta tal-iskart jew impatti tax-xejriet tal-użu fuq il-lonġevità tal-prodott, jenħtieġ li l-asserzjoni tkun tinkludi wkoll informazzjoni li tispjega lill-konsumaturi kif l-imgħiba tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-ħarsien tal-ambjent.

Emenda

(34) Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun tikkonċerna prodott finali u l-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali rilevanti ta' tali prodott iseħħu fil-fażi tal-użu **jew fil-fażi tat-tmiem tal-ħajja** u l-konsumaturi jistgħu jinfluwenzaw tali impatti ambjentali jew aspetti ambjentali permezz ta' mgħiba xierqa, bħal, pereżempju, separazzjoni korretta tal-iskart jew impatti tax-xejriet tal-użu fuq il-lonġevità tal-prodott, jenħtieġ li l-asserzjoni tkun tinkludi wkoll informazzjoni li tispjega lill-konsumaturi kif l-imgħiba tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-ħarsien tal-ambjent.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Jenħtieġ li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita u rigward l-informazzjoni li tissostanzja **dik** l-asserzjoni. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi anzjani. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li l-kummerċjanti jew jipprovdu din l-informazzjoni f'forma fiżika jew jipprovdu weblink, kodiċi QR jew l-ekwivalenti, li jwasslu għal sit web fejn informazzjoni aktar dettaljata dwar is-sostanzjar tal-

Emenda

(36) Jenħtieġ li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita, **inkluż direttament fuq il-prodott jew flimkien mal-prodott**, u rigward l-informazzjoni li tissostanzja l-asserzjoni **applikabbli għall-prodott**. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi anzjani. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li l-kummerċjanti jew jipprovdu din l-informazzjoni f'forma fiżika jew jipprovdu weblink, kodiċi QR,

asserzjoni ambjentali espliċita tkun disponibbli b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn issir l-asserzjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-weblink, il-kodiċi QR jew l-ekwivalenti jiżguraw ukoll aċċess faċli għaċ-ċertifikat ta' konformità rigward is-sostanzjar tal-asserzjoni ambjentali espliċita u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-verifikatur li jkun fassal dak iċ-ċertifikat.

passaport diġitali tal-prodotti jew l-ekwivalenti, li jwasslu għal sit web fejn informazzjoni aktar dettaljata dwar is-sostanzjar tal-asserzjoni ambjentali espliċita tkun disponibbli b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn issir l-asserzjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-weblink, il-kodiċi QR jew l-ekwivalenti jiżguraw ukoll aċċess faċli għaċ-ċertifikat ta' konformità rigward is-sostanzjar tal-asserzjoni ambjentali espliċita u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-verifikatur li jkun fassal dak iċ-ċertifikat.

L-istudji, il-valutazzjonijiet, il-metodoloġiji jew il-kalkoli sottostanti jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-pubbliku, sakemm l-informazzjoni ma tkunx sigriet kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2, il-paragrafu 1 tad-Direttiva (UE) 2016/943.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex jiġu evitati impatti sproporzjonati potenzjali fuq il-mikrointrapriżi, jenħtieġ li l-iżgħar kumpaniji jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 marbuta mal-informazzjoni dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali espliċita li se jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 41

Emenda

(37) Sabiex jiġu evitati impatti sproporzjonati potenzjali fuq il-mikrointrapriżi, jenħtieġ li **dawn** l-iżgħar kumpaniji jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 marbuta mal-informazzjoni dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali espliċita li se jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni.

(41) It-tikketti ambjentali spiss ikollhom l-għan li jipprovdu lill-konsumaturi b'punteġġ aggregat li jippreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti sabiex ikun jista' jsir tqabbil dirett bejn il-prodotti jew il-kummerċjanti. Madankollu, tali punteġġ aggregat jippreżenta riskji li l-konsumaturi jiġu mqarrqa, minħabba li l-indikatur aggregat jista' jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi ta' ċerti aspetti tal-prodott b'impatti ambjentali aktar pożittivi ta' aspetti oħrajn tal-prodott. Barra minn hekk, meta jiġu żviluppati minn operaturi differenti, tali tikketti ġeneralment ivarjaw f'termini ta' metodoloġija speċifika sottostanti għall-punteġġ aggregat, bħall-impatti ambjentali kkunsidrati jew il-ponderazzjoni attribwita għal dawn l-impatti ambjentali. Dan jista' jwassal biex l-istess prodott jirċievi punteġġ jew klassifikazzjoni differenti skont l-iskema. Dan it-tħassib iqum fir-rigward ta' skemi stabbiliti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Dan qed jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq intern, jirriskja li jpoġġi kumpaniji iżgħar fi żvantaġġ, u x'aktarx li jkompli jqarra bil-konsumaturi u jimmina l-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju u tiġi żgurata armonizzazzjoni aħjar fis-suq uniku, l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, ibbażati fuq punteġġ aggregat li jirrappreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti jenħtieġ li ***ma jitqisux li huma sostanzjali biżżejjed, sakemm dawk il-punteġġi aggregati ma jirriżultawx mir-regoli tal-Unjoni, inklużi l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont din id-Direttiva, li jirriżultaw fi skemi armonizzati fl-Unjoni kollha għall-prodotti kollha jew għal kull grupp ta' prodotti speċifiku abbażi ta' metodoloġija unika biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà.***

(41) It-tikketti ambjentali spiss ikollhom l-għan li jipprovdu lill-konsumaturi b'punteġġ aggregat li jippreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti sabiex ikun jista' jsir tqabbil dirett bejn il-prodotti jew il-kummerċjanti. Madankollu, tali punteġġ aggregat jippreżenta riskji li l-konsumaturi jiġu mqarrqa, minħabba li l-indikatur aggregat jista' jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi ta' ċerti aspetti tal-prodott b'impatti ambjentali aktar pożittivi ta' aspetti oħrajn tal-prodott. Barra minn hekk, meta jiġu żviluppati minn operaturi differenti, tali tikketti ġeneralment ivarjaw f'termini ta' metodoloġija speċifika sottostanti għall-punteġġ aggregat, bħall-impatti ambjentali kkunsidrati jew il-ponderazzjoni attribwita għal dawn l-impatti ambjentali. Dan jista' jwassal biex l-istess prodott jirċievi punteġġ jew klassifikazzjoni differenti skont l-iskema. Dan it-tħassib iqum fir-rigward ta' skemi stabbiliti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Dan qed jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq intern, jirriskja li jpoġġi kumpaniji iżgħar fi żvantaġġ, u x'aktarx li jkompli jqarra bil-konsumaturi u jimmina l-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju u tiġi żgurata armonizzazzjoni aħjar fis-suq uniku, l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, ibbażati fuq punteġġ aggregat li jirrappreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti jenħtieġ li ***jissodisfaw rekwiżiti minimi li jiżguraw l-affidabbiltà tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali sottostanti, inkluż fir-rigward tal-metodi u l-governanza ta' valutazzjoni tagħhom.***

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Sabiex jiġu miġġielda l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti qarrieqa kkomunikati fil-forma ta' tikketti ambjentali u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur fit-tikketti ambjentali, jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi kriterji ta' governanza li l-iskemi kollha ta' tikkettar ambjentali għandhom jikkonformaw magħhom, u b'hekk tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti fl-imsemmija proposta li temenda d-Direttiva 2005/29/KE.

Emenda

(43) Sabiex jiġu miġġielda l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti qarrieqa kkomunikati fil-forma ta' tikketti ambjentali u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur fit-tikketti ambjentali, ***inkluż it-trademarks u l-logos tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni***, jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi kriterji ta' governanza li l-iskemi kollha ta' tikkettar ambjentali għandhom jikkonformaw magħhom, u b'hekk tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti fl-imsemmija proposta li temenda d-Direttiva 2005/29/KE.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) ***Sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ulterjuri ta' skemi reġjonali jew nazzjonali rikonoxxuti uffijjalment ta' tikkettar ambjentali tat-tip I tal-EN ISO 14024 ("ekotikkettar"), u ta' skemi oħrajn ta' tikkettar ambjentali, u biex tiġi żgurata aktar armonizzazzjoni fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu żviluppati biss skemi reġjonali jew nazzjonali ġodda ta' tikkettar ambjentali skont id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tikkunsidra l-iżvilupp ta' skemi ta' tikkettar pubbliċi fil-livell tal-Unjoni għal gruppi ta' prodotti jew setturi fejn tali tikketti għadhom ma jeżistux fid-dritt tal-Unjoni u fejn l-armonizzazzjoni ggħib valur miżjud biex jinkisbu l-oġettivi tas-sostenibbiltà u tas-suq intern b'mod effiċjenti.***

Emenda

imħassar

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) L-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati, jekk ikun hemm wisq minnhom u jkunu jikkoinċidu f'termini ta' ambitu, jistgħu jikkonfondu lill-konsumaturi jew jimminaw il-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu biss li jiġu stabbiliti skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali minn operaturi privati, diment li joffru valur miżjud ***sinifikanti meta mqabbla mal-iskemi reġjonali jew nazzjonali eżistenti*** f'termini ta' ambizzjoni ambjentali tal-kriterji għall-għoti tat-tikketta, kopertura tal-impatti ambjentali rilevanti, u komplettezza tal-valutazzjoni sottostanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura għall-approvazzjoni ta' skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali bbażati fuq ċertifikat ta' konformità mfassal mill-verifikatur indipendenti. Jenħtieġ li din tapplika għall-iskemi stabbiliti fl-Unjoni u barra mill-Unjoni.

Emenda

(46) L-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati, jekk ikun hemm wisq minnhom u jkunu jikkoinċidu f'termini ta' ambitu, jistgħu jikkonfondu lill-konsumaturi jew jimminaw il-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jippermettu biss li jintwerew l-iskemi ta' tikkettar ambjentali eżistenti fil-prattika kummerċjali min-negozju għall-konsumatur wara li tkun daħlet fis-seħħ din id-Direttiva u meta tali skemi jkunu f'konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, u jenħtieġ li*** jippermettu biss li jiġu stabbiliti skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali minn operaturi privati, diment li joffru valur miżjud, ***f'konformità ma' din id-Direttiva***, f'termini ta' ambizzjoni ambjentali tal-kriterji għall-għoti tat-tikketta, kopertura tal-impatti ambjentali rilevanti, u komplettezza tal-valutazzjoni sottostanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura għall-approvazzjoni ta' skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali bbażati fuq ċertifikat ta' konformità mfassal mill-verifikatur indipendenti, ***u jivvalutaw l-asserzjonijiet li jsiru mill-iskemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni ambjentali u tas-sostenibbiltà eżistenti***. Jenħtieġ li din tapplika għall-iskemi stabbiliti fl-Unjoni u barra mill-Unjoni, ***inkluż l-iskemi eżistenti***.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar skemi ***ġodda ta' tikkettar ambjentali reġjonali jew nazzjonali*** rikonoxxuti uffiċjalment ***u***

Emenda

(47) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar skemi rikonoxxuti uffiċjalment ta' tikkettar privati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista ta' tali

skemi ta' tikkettar privati *ġodda*, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista ta' tali skemi li jistgħu jew ikomplu japplikaw fis-suq tal-Unjoni jew jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat mill-Istati Membri għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' skemi ta' tikkettar ambjentali żviluppati minn operaturi privati, u biex tiġi stabbilita proċedura ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni għall-iskemi proposti stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi barra mill-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata setgħat ta' implimentazzjoni*** biex tadotta regoli komuni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dettaljati għall-approvazzjoni ta' tali skemi ta' tikkettar ambjentali, il-format u l-kontenut tad-dokumenti ta' sostenn u r-regoli ta' proċedura għall-approvazzjoni ta' tali skemi. ***Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁸⁵.

⁸⁵ ***Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).***

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 49

skemi li jistgħu jew ikomplu japplikaw fis-suq tal-Unjoni jew jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

Emenda

(48) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat mill-Istati Membri għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' skemi ta' tikkettar ambjentali żviluppati minn operaturi privati, u biex tiġi stabbilita proċedura ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni għall-iskemi proposti stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi barra mill-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa*** biex tadotta ***atti delegati li jistabbilixxu*** regoli komuni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dettaljati għall-approvazzjoni ta' tali skemi ta' tikkettar ambjentali, il-format u l-kontenut tad-dokumenti ta' sostenn u r-regoli ta' proċedura għall-approvazzjoni ta' tali skemi.

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Huwa essenzjali li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jkunu jirriflettu b'mod korrett il-prestazzjoni ambjentali u l-impatti ambjentali koperti mill-asserzjoni, u jqisu l-aħħar evidenza xjentifika. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni jirrieżamina u jaġġorna s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet mill-inqas kull ħames snin biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Emenda 33

**Proposta għal direttiva
Premessa 49a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(49) Huwa essenzjali li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti ***u l-iskemi ta' tikkettar ambjentali*** jkunu jirriflettu b'mod korrett il-prestazzjoni ambjentali u l-impatti ambjentali koperti mill-asserzjoni ***kemm direttament fuq il-prodott kif ukoll flimkien mal-prodott***, u jqisu l-aħħar evidenza xjentifika. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni ***u l-iskemi ta' tikkettar ambjentali*** jirrieżamina u jaġġorna s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet mill-inqas kull ħamessnin biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Emenda

(49a) L-Artikolu 13(1)e tad-Direttiva tal-UE dwar il-Prodotti tat-Tabakk 2014/40/UE jipprojbixxi l-asserzjonijiet ambjentali dwar il-prodotti u l-imballaġġ tat-tabakk, madankollu ma jipprojbixxix lill-entitajiet tal-industrija tat-tabakk milli jagħmlu asserzjonijiet ekoloġiċi dwar l-attivitajiet tagħhom kumplessivament, b'mod partikolari permezz ta' kampanji ta' reklamar dwar il-prestazzjoni ambjentali li jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi; għalhekk, jenħtieġ li ma tkun permessa l-ebda asserzjoni ambjentali dwar l-attivitajiet tal-industrija tat-tabakk.

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Premessa 51**

(51) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkontrollaw b'mod aktar effiċjenti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u biex jipprevjenu kemm jista' jkun asserzjonijiet ambjentali espliċiti mhux issostanzjati, inklużi tikketti ambjentali, milli jidhru fis-suq, jenħtieġ li l-verifikaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti mid-Direttiva jivverifikaw li kemm l-informazzjoni użata għas-sostanzjar kif ukoll il-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex jiġu evitati konsumaturi qarrieqa, jenħtieġ li l-verifika ***fi kwalunkwe każ issir*** qabel ma l-asserzjonijiet ambjentali jsiru pubbliċi jew qabel ma jintwerew it-tikketti ambjentali. Il-verifikatur jista', jekk ikun xieraq, jindika diversi modi ta' komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva biex tiġi evitata l-ħtieġa għal ċertifikazzjoni mill-ġdid kontinwa f'każ li l-mod ta' komunikazzjoni jkun kemxejn modifikat mingħajr ma jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kummerċjanti mar-regoli dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, jenħtieġ li l-verifika tqis in-natura u l-kontenut tal-asserzjoni jew tat-tikketta ambjentali, inkluż jekk jidhru li huma inġusti fid-dawl tad-Direttiva 2005/29/KE.

(51) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkontrollaw b'mod aktar effiċjenti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u biex jipprevjenu kemm jista' jkun asserzjonijiet ambjentali espliċiti mhux issostanzjati, inklużi tikketti ambjentali, milli jidhru fis-suq, jenħtieġ li l-verifikaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti mid-Direttiva jivverifikaw li kemm l-informazzjoni użata għas-sostanzjar kif ukoll il-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex jiġu evitati konsumaturi qarrieqa, jenħtieġ li l-verifika ***ssir*** qabel ma l-asserzjonijiet ambjentali jsiru pubbliċi jew qabel ma jintwerew it-tikketti ambjentali. ***Madankollu, sabiex jiġi evitat l-iskart ta' prodotti jew imballaġġ li diġà jkunu ġew stampati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu perjodu tranżizzjonali bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li matulu jistgħu jintużaw l-asserzjonijiet ambjentali eżistenti sottomessi għal verifika. L-Istati Membri jistgħu jagħti prijorità lill-verifika tal-asserzjonijiet li jsiru qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** Il-verifikatur jista', jekk ikun xieraq, jindika diversi modi ta' komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva biex tiġi evitata l-ħtieġa għal ċertifikazzjoni mill-ġdid kontinwa f'każ li l-mod ta' komunikazzjoni jkun kemxejn modifikat mingħajr ma jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kummerċjanti mar-regoli dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, jenħtieġ li l-verifika tqis in-natura u l-kontenut tal-asserzjoni jew tat-tikketta ambjentali, inkluż jekk jidhru li huma inġusti fid-dawl tad-

Emenda 35

Proposta għal direttiva Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

(52) Sabiex il-kummerċjanti jingħataw ċertezza legali fis-suq intern fir-rigward tal-konformità tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità jiġi rikonossut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li l-mikrointrapriżi jitħallew jitolbu tali ċertifikat jekk ikunu jixtiequ jiċċertifikaw l-asserzjonijiet tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jibbenefikaw mir-rikonossiment taċ-ċertifikat madwar l-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità ma jippreġudikax il-valutazzjoni tal-asserzjoni ambjentali mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-qrati li jinfurzwaw id-Direttiva 2005/29/KE.

Emenda

(52) Sabiex il-kummerċjanti jingħataw ċertezza legali fis-suq intern fir-rigward tal-konformità tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità jiġi rikonossut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li l-mikrointrapriżi ***kif ukoll l-intrapriżi żgħar li jistgħu jagħmlu użu mill-fażi tranżizzjonali*** jitħallew jitolbu tali ċertifikat jekk ikunu jixtiequ jiċċertifikaw l-asserzjonijiet tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jibbenefikaw mir-rikonossiment taċ-ċertifikat madwar l-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità ma jippreġudikax il-valutazzjoni tal-asserzjoni ambjentali mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-qrati li jinfurzwaw id-Direttiva 2005/29/KE.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

(53) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u skemi ta' tikkettar ambjentali u biex jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta formola komuni għaċ-ċertifikati ta' konformità u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikati. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-

Emenda

(53) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u skemi ta' tikkettar ambjentali u biex jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta formola komuni għaċ-ċertifikati ta' konformità u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikati. ***Din il-formola komuni jenħtieġ li tiffaċilita r-rikonossiment ta' ċertifikati ta' konformità mill-awtoritajiet***

Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁶.

⁸⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) Jenħtieġ li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mis-suq għal prodotti aktar sostenibbli, iżda jistgħu jiffaċċjaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment ogħla b'xi wħud mir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar u l-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni adegwata u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-modi ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, inklużi dawk finanzjarji, lill-SMEs li jkunu jixtiequ jagħmlu asserzjonijiet ambjentali espliċiti fuq il-prodotti tagħhom jew fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

kompetenti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸⁶.

⁸⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda

(54) Jenħtieġ li l-intrapriżi **mikro**, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mis-suq għal prodotti aktar sostenibbli, iżda jistgħu jiffaċċjaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment ogħla b'xi wħud mir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar u l-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li l-Istati Membri **u l-Kummissjoni** jipprovdu informazzjoni adegwata u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-modi ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, inklużi dawk finanzjarji, lill-SMEs li jkunu jixtiequ jagħmlu asserzjonijiet ambjentali espliċiti fuq il-prodotti tagħhom jew fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat. ***Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju madwar l-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jinvolvu ruħhom fi djalogu regolari fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju stabbiliti fil-livelli reġjonali u***

nazzjonali rispettivament. Barra minn hekk, u biex jiġi żgurat li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ma jiffaċċjawx kostijiet oġhla b'mod sproporzjonat u diffikultajiet fir-rigward tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra xi inizjattivi fil-qafas ta' programmi finanzjarji ddedikati għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, għal każijiet meta jkunu jixtiequ jagħmlu asserzjonijiet ambjentali espliċiti fir-rigward tal-prodotti jew l-attivitajiet tagħhom.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) Sabiex jiġi żgurat li l-oġettivi ta' din id-Direttiva jintlaħqu u li r-rekwiżiti jiġu infurzati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Madankollu, fid-dawl tal-komplementarjetà mill-qrib tal-Artikoli 5 u 6 ta' din id-Direttiva mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jaħtru għall-infurzar tagħhom l-istess awtoritajiet kompetenti bħal dawk responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. Għal raġunijiet ta' konsistenza, meta l-Istati Membri jagħmlu dik l-għażla, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-mezzi u s-setgħat ta' infurzar li jkunu stabbilew f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/29/KE, ***b'deroga mir-regoli dwar l-infurzar stabbiliti f'din id-Direttiva.*** F'każijiet fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti maħtura waħda fit-territorju tagħhom u biex jiġi żgurat li-eżerċitar effettiv tad-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-Istat Membru jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura

Emenda

(56) Sabiex jiġi żgurat li l-oġettivi ta' din id-Direttiva jintlaħqu u li r-rekwiżiti jiġu infurzati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Madankollu, fid-dawl tal-komplementarjetà mill-qrib tal-Artikoli 5 u 6 ta' din id-Direttiva mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jaħtru għall-infurzar tagħhom l-istess awtoritajiet kompetenti bħal dawk responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. Għal raġunijiet ta' konsistenza, meta l-Istati Membri jagħmlu dik l-għażla, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-mezzi u s-setgħat ta' infurzar li jkunu stabbilew f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/29/KE. F'każijiet fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti maħtura waħda fit-territorju tagħhom u biex jiġi żgurat li-eżerċitar effettiv tad-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-Istat Membru jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura kollha.

kollha.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

(65) Fl-adozzjoni ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸⁹. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkun qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

⁸⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

(67) Fejn abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni ssib li jkun xieraq li tipproponi rieżami ta' din id-Direttiva, il-fattibbiltà u l-adegwatezza ta' aktar dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' metodu komuni għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, ***jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll l-estensjoni tal-projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali għal prodotti li***

Emenda

(65) Fl-adozzjoni ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, ***inkluż mal-forum ta' konsultazzjoni*** tul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸⁹. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkun qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

⁸⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

(67) Fejn abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni ssib li jkun xieraq li tipproponi rieżami ta' din id-Direttiva, il-fattibbiltà u l-adegwatezza ta' aktar dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' metodu komuni għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, jew l-armonizzazzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali speċifiċi dwar

jkun fihom sustanzi perikolużi, ħlief fejn l-użu tagħhom jitqies essenzjali għas-soċjetà, jew l-armonizzazzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali speċifiċi dwar l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) Jenħtieġ li l-użu tal-aktar sustanzi ta' ħsara fl-aħħar mill-aħħar jitneħħa gradwalment fl-Unjoni biex tiġi evitata u pprevenuta ħsara sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, b'mod partikolari l-użu tagħhom fi prodotti għall-konsumatur. Ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁰ jipprojbixxi t-tikkettar ta' taħlitiet u sustanzi li fihom sustanzi kimiċi perikolużi bħala "mhux tossiċi", "mhux dannużi", "mhux niġġiesa", "ekoloġiċi" jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra li tindika li s-sustanza jew it-taħlita ma hijiex perikoluża jew dikjarazzjonijiet li huma inkonsistenti mal-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew it-taħlita. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li tali obbligu jiġi ssodisfat. Kif impenjat fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-kriterji għall-użi essenzjali biex tiggwida l-applikazzjoni tagħha fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. .

l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali.

Emenda

(68) Jenħtieġ li l-użu tal-aktar sustanzi ta' ħsara fl-aħħar mill-aħħar jitneħħa gradwalment fl-Unjoni biex tiġi evitata u pprevenuta ħsara sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, b'mod partikolari l-użu tagħhom fi prodotti għall-konsumatur. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipprovdi rapport dwar l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar prodotti li fihom sustanzi ta' ħsara u tevalwa għal liema prodotti jew gruppi ta' prodotti l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti huwa qarrieqi. Peress li l-użu ta' tali asserzjonijiet jista' jħeġġeġ il-konsum ta' daww il-prodotti li fihom sustanzi ta' ħsara għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa tadotta atti delegati biex tintroduċi restrizzjonijiet jew probizzjonijiet fuq l-użu ta' tali asserzjonijiet ambjentali espliċiti. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tevalwa wkoll jekk ikunx xieraq li ċerti kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 dwar l-użu ta' sustanzi jew preparazzjonijiet/taħlitiet jintużaw għar-restrizzjonijiet jew il-probizzjonijiet potenzjali dwar l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti fl-ambitu ta' din id-Direttiva.*** Ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁰ jipprojbixxi t-tikkettar ta' taħlitiet u sustanzi li fihom sustanzi kimiċi perikolużi bħala "mhux tossiċi", "mhux dannużi", "mhux niġġiesa", "ekoloġiċi" jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra li tindika li

s-sustanza jew it-taħlita ma hijiex perikoluża jew dikjarazzjonijiet li huma inkonsistenti mal-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew it-taħlita. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li tali obbligu jiġi ssodisfat. Kif impenjat fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-kriterji għall-użi essenzjali biex tiggwida l-applikazzjoni tagħha fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. .

⁹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

⁹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ambitu

Suġġett u ambitu

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ambjentali, billi tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern, billi tapprossimizza l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-asserzjonijiet ambjentali li jsiru dwar prodotti li jsiru disponibbli fis-suq jew għall-kummerċjanti li jagħmlu l-prodotti disponibbli fis-suq, jew b'referenza għalihom.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti magħmula mill-kummerċjanti dwar prodotti jew kummerċjanti fi Prattiki kummerċjali min-negozju għall-konsumatur.

Emenda

1. Din id-Direttiva tapplika għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti magħmula mill-kummerċjanti dwar prodotti ***mqiegħda fis-suq jew imqiegħda fis-servizz, inkluż permezz ta' pjattaformi online***, jew kummerċjanti ***u skemi ta' tikkettar ambjentali*** fi Prattiki kummerċjali min-negozju għall-konsumatur.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) *Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹⁰³ ;

Emenda

imħassar

¹⁰³ *Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).*

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) *Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹⁰⁵ ;

Emenda

imħassar

¹⁰⁵ *Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-*

iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

(o) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁹ u regoli, standards jew linji gwida oħra tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali għas-servizzi finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, u l-prodotti finanzjarji;

¹⁰⁹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt p

Emenda

(o) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁹, ***ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** u regoli, standards jew linji gwida oħra tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali għas-servizzi finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, u l-prodotti finanzjarji;

¹⁰⁹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Emenda

(oa) Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immakar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut;

(p) regoli eżistenti jew futuri oħrajn tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jsiru jew għandhom isiru ċerti asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar ċerti prodotti jew kummerċjanti jew regoli tal-Unjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti dwar il-valutazzjoni jew il-komunikazzjoni tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' ċerti prodotti jew kummerċjanti jew il-kundizzjonijiet għall-skemi ta' tikkettar ambjentali.

imħassar

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex temenda l-lista msemmija fil-paragrafu 2 biex tħassar jew iżżid leġiżlazzjoni ġdida jew riveduta meta ttiprovdi livell ta' rekwiżiti li jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk ipprovduti minn din id-Direttiva. Ir-rekwiżiti li għandhom ikunu meħtieġa bħala ekwivalenti jinkludu:
(a) il-livell ta' żvelar ta' informazzjoni;
(b) ir-rekwiżiti dwar verifika minn parti terza qabel l-asserzjoni titqiegħed fis-suq;
(c) il-livell ta' infurzar.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

*(8) "tikketta ambjentali" tfisser tikketta ta' sostenibbiltà li tkopri **biss jew b'mod predominanti aspetti** ambjentali ta'*

*(8) "tikketta ambjentali" tfisser tikketta ta' sostenibbiltà li tkopri **aspett** ambjentali **wieħed jew aktar** ta' prodott, proċess jew*

prodott, proċess jew kummerċjant;

kummerċjant;

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) "katina tal-valur" tfisser l-attivitajiet u l-proċessi kollha li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew attività ta' kummerċjant, inkluża l-manifattura mill-ġdid;

Emenda

(12) "katina tal-valur" tfisser l-attivitajiet u l-proċessi kollha li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew attività ta' kummerċjant, inkluża l-manifattura mill-ġdid, ***l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u t-tmiem tal-ħajja***;

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) "informazzjoni sekondarja" tfisser informazzjoni li hija bbażata fuq sorsi oħrajn għajr informazzjoni primarja, inklużi studji tal-letteratura, studji tal-inġinerija u privattivi.

Emenda

(15) "informazzjoni sekondarja" tfisser informazzjoni li hija bbażata fuq sorsi oħrajn għajr informazzjoni primarja, inklużi studji tal-letteratura ***rieżaminati bejn il-pari***, studji tal-inġinerija u privattivi.

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) "impatt ambjentali" tfisser kwalunkwe bidla fl-ambjent, kemm jekk pożittiva kif ukoll jekk negattiva, li tirriżulta kompletament jew parzjalment mill-attivitajiet ta' kummerċjant jew settur jew minn prodott jew grupp ta' prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

Emenda

(19) "impatt ambjentali" tfisser kwalunkwe bidla ***li tista' titkejjel*** fl-ambjent, kemm jekk pożittiva kif ukoll jekk negattiva, li tirriżulta kompletament jew parzjalment mill-attivitajiet ta' kummerċjant jew settur jew minn prodott jew grupp ta' prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) "skema ta' tikkettar ambjentali"
tfisser skema ta' ċertifikazzjoni li
tiċċertifika li prodott, proċess jew
kummerċjant jikkonforma mar-rekwiżiti
għal tikketta ambjentali.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tispeċifika jekk l-asserzjoni hijiex relatata mal-prodott kollu, ma' parti minn prodott jew ma' ċerti aspetti ta' prodott, jew mal-attivitajiet kollha ta' kummerċjant jew ma' ċerta parti jew ċertu aspekt ta' dawn l-attivitajiet, kif rilevanti għall-asserzjoni;

(a) tispeċifika jekk l-asserzjoni hijiex relatata mal-prodott kollu, ma' parti minn prodott, **parti minn ċiklu tal-ħajja ta' prodott**, jew ma' ċerti aspetti ta' prodott, jew parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, jew mal-attivitajiet kollha ta' kummerċjant jew ma' ċerta parti jew ċertu aspekt ta' dawn l-attivitajiet, kif rilevanti għall-asserzjoni;

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tiddependi fuq evidenza xjentifika rikonoxxuta b'mod wiesa', tuża informazzjoni akkurata u tqis l-istandards internazzjonali rilevanti;

(b) tiddependi fuq evidenza xjentifika **indipendenti, rieżaminata bejn il-pari**, rikonoxxuta b'mod wiesa', **robusta u li tista' tiġi vverifikata**, tuża informazzjoni akkurata u tqis l-istandards **tal-Unjoni jew** internazzjonali rilevanti;

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) meta ssir asserzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali, tqis l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali kollha li huma sinifikanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali;

Emenda

(d) meta ssir asserzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali, tqis l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali kollha li huma sinifikanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali, ***inkluż minn perspettiva ta' ċiklu tal-ħajja***;

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) jidentifikaw jekk it-titjib tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali soġġetti għall-asserzjoni jwassalx għal ***ħsara sinifikanti*** fir-rigward tal-impatti ambjentali fuq it-tibdil fil-klima, il-konsum tar-riżorsi u ċ-ċirkolarità, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tniġġis, il-bijodiversità, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ekosistemi;

Emenda

(g) jidentifikaw jekk it-titjib tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali soġġetti għall-asserzjoni jwassalx għal ***kumpensi negattivi*** fir-rigward ***tal-ambjent u*** tal-impatti ambjentali ***speċifiċi, inkluż*** fuq it-tibdil fil-klima, il-konsum tar-riżorsi u ċ-ċirkolarità, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tniġġis, il-bijodiversità, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ekosistemi;

Emendi 156 u 167

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) ***jisseparaw*** kwalunkwe ***kumpens għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra*** użat mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħala informazzjoni ambjentali addizzjonali, ***jispeċifikaw*** jekk dawk ***il-kumpensi*** humiex relatati mat-tnaqqis jew l-assorbimenti tal-emissjonijiet, ***u jiddeskrivu kif il-kumpensi invokati huma ta' integrità għolja u kkontabilizzati b'mod korrett biex jirriflettu l-impatt iddikjarat fuq il-klima***;

Emenda

(h) ***tissepara*** kwalunkwe ***kreditu tal-karbonju*** użat mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħala informazzjoni ambjentali addizzjonali, ***tispeċifika*** jekk dawk ***il-krediti*** humiex relatati mat-tnaqqis jew l-assorbimenti tal-emissjonijiet;

Emendi 157 u 168

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) għall-użu tal-krediti tal-karbonju f'konformità mal-paragrafu 3b, tindika s-sehem tal-emissjonijiet residwi espress bħala sehem tal-emissjonijiet tas-sena bażi, is-sehem tal-emissjonijiet bijoġeniċi u fossili f'dawn l-emissjonijiet residwi u l-kwantità u t-tip ta' attività (l-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħamrija, kif definit fir-[Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti]) sottostanti għall-krediti użati, filwaqt li tipprovdi evidenza li l-krediti ġew irtirati kif xieraq mir-reġistru tal-iskema ta' ċertifikazzjoni, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju;

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) tinkludi l-informazzjoni primarja **disponibbli għall-kummerċjant** għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, li huma soġġetti għall-asserzjoni;

(i) tinkludi l-informazzjoni primarja għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, li huma soġġetti għall-asserzjoni **li hija aċċessibbli għall-kummerċjant jew tista' tinkiseb mingħandu, inkluż permezz ta' pussess, riċerka jew akkwist;**

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) tinkludi informazzjoni sekondarja rilevanti għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali, jew il-prestazzjoni ambjentali li hija rappreżentattiva tal-katina tal-valur speċifika tal-prodott jew tal-kummerċjant li fuqu ssir asserzjoni, f'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni primarja.

Emenda

(j) tinkludi ***bħala suppliment għal informazzjoni primarja***, informazzjoni sekondarja rilevanti għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali, jew il-prestazzjoni ambjentali li hija rappreżentattiva tal-katina tal-valur speċifika tal-prodott jew tal-kummerċjant li fuqu ssir asserzjoni, f'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni primarja, ***flimkien ma' ġustifikazzjoni għaliex intużat l-informazzjoni sekondarja.***

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) għall-użu ta' krediti tal-karbonju għal asserzjonijiet ta' kontribuzzjoni, tiżgura li ma ntużat l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja biex issir asserzjoni għal impatt klimatiku jew ambjentali mtejjeb tal-prodott jew il-kummerċjant, u tissepara kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mill-impatt klimatiku jew ambjentali tal-prodott jew il-kummerċjant bħala informazzjoni ambjentali addizzjonali.

Emendi 159 u 169

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-asserzjonijiet ambjentali dwar impatt ambjentali newtrali, imnaqqas jew pożittiv għal prodott abbażi tal-użu tal-krediti tal-karbonju għandhom jiġu pprojbiti, bi qbil mad-Direttiva 2005/29/KE kif emendata mid-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar [L-Għoti tas-Setgħa lill-

Emendi 160 u 170

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *It-talbiet għal kumpens ibbażati fuq l-użu ta' krediti tal-karbonju jistgħu jsiru biss fir-rigward tal-emissjonijiet residwi ta' kummerċjant f'konformità mal-att delegat stabbilit fl-Artikolu 3(4a). Għall-asserzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali futura bbażata fuq l-użu ta' krediti tal-karbonju, il-kummerċjant għandu jikkonforma mar-regoli rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/2772. Il-krediti tal-karbonju użati jridu jkunu unitajiet iċċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, jew unitajiet oħra f'konformità mal-paragrafu 3c. Meta l-użu tal-unitajiet ikun għall-kumpens tal-emissjonijiet fossili, it-talba għandha tiġi sostanzjata minn assorbimenti permanenti kif definiti fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju.*

Emendi 161 u 171

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. *L-unitajiet iċċertifikati għajr daww maħruġa f'konformità mar-[Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti] jistgħu*

jintużaw f'każijiet ġustifikati kif xieraq meta daww l-iskemi jkunu rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala parti mil-lista ta' skemi konformi li jikkorrispondu għal rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal daww previsti mir-[Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti], b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika u r-responsabbiltà, u billi jiġi żgurat li m'jsir ebda għadd doppju. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex telenka l-iskemi ta' krediti tal-karbonju rikonoxxuti li jitqiesu li jikkonformaw ma' tali rekwiżiti ekwivalenti.

Emenda 68

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3d. Sa ..[18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha ttipprovdi rapport dwar l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar prodotti jew gruppi ta' prodotti li fihom sustanzi jew preparazzjonijiet/taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossiċi, perikolużi għall-ambjent, karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), li jikkawżaw interferenza endokrinali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT), persistenti ħafna, bjoakkumulattivi ħafna (vPvB), persistenti, mobbli u tossiċi (PMT), jew proprjetajiet persistenti ħafna, mobbli ħafna (vPvM) kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-

taħlitiet, u s-sustanzi msemija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Dak ir-rapport għandu jevalwa għal liema prodotti jew gruppi ta' prodotti l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti huwa qarrieqi u jivvaluta l-ħtieġa ta' restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal dawn il-prodotti jew gruppi ta' prodotti fid-dawl tal-prevenzjoni ta' asserzjonijiet qarrieqa u l-kontribut għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Meta r-rapport jikkonkludi li l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti fi prodott jew grupp ta' prodotti li jkun fihom sustanzi jew preparazzjonijiet/taħlitiet msemija fis-subparagrafu 1 huwa qarrieqi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti billi tintroduċi restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal dan il-prodott jew grupp ta' prodotti.

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-monitoraġġ regolari tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali msemija fl-Artikolu 20 jiżvela differenzi fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 għal asserzjonijiet speċifiċi u tali differenzi **joħolqu ostakli għall-funzjonament** tas-suq intern, jew meta l-Kummissjoni tidentifika li n-nuqqas ta'

Emenda

4. Meta l-monitoraġġ regolari tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali **espliċiti** msemija fl-Artikolu 20 jiżvela differenzi fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 għal asserzjonijiet speċifiċi u tali differenzi **jista' jkollhom impatt avvers fuq il-funzjonament** tas-suq intern, jew meta l-Kummissjoni tidentifika

rekwiżiti għal asserzjonijiet speċifiċi jwassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa b'mod mifrux, il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stipulati fil-paragrafu 1 billi:

li n-nuqqas ta' rekwiżiti għal asserzjonijiet speċifiċi **jista'** jwassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa b'mod mifrux, il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stipulati fil-paragrafu 1 billi:

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt -a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) tiddetermina l-impatti ambjentali rilevanti li għandhom jiġu koperti mis-sostanzjar;

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(c) tistabbilixxi regoli speċifiċi bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal ċerti gruppi ta' prodotti u setturi.

(c) tistabbilixxi regoli speċifiċi bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal ċerti gruppi ta' prodotti u setturi, **inkluż meta xieraq abbażi tar-Regoli tal-Kategorija tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u r-Regoli Settorjali tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni meta dawk ir-regoli jkopru l-impatti jew l-aspetti ambjentali kollha rilevanti għall-kategorija ta' prodotti jew kummerċjant.**

Emendi 162/rev u 172

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Biex tissupplimenta d-

dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' unitajiet iċċertifikati għall-emissjonijiet residwi ta' kummerċjant, il-Kummissjoni għandha tadotta sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], att delegat f'konformità mal-Artikolu 18 biex tistabbilixxi metodu għad-definizzjoni tal-emissjonijiet residwi, abbażi ta' perkors għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kompatibbli mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C filwaqt li titqies il-fattibbiltà teknoloġika u f'konsultazzjoni mal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima.

Emenda 72

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tidentifika l-aktar asserzjonijiet ambjentali espliċiti komuni magħmula fis-suq tal-Unjoni u tippubblika pjan ta' ħidma li jelenka l-asserzjonijiet li l-Kummissjoni beħsiebha tissupplimenta bl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4. Dak il-pjan ta' ħidma għandu jiġi rieżaminat tal-inqas kull tliet snin.

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4c. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida biex tiffaċilita l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt (b).

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) ir-Regoli tal-Kategorija tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u r-Regoli Settorjali tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni eżistenti;

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni u d-data għall-valutazzjoni u l-użu ta' din l-informazzjoni u għad-data minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs").

(d) il-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni u d-data għall-valutazzjoni u l-użu ta' din l-informazzjoni u għad-data minn intrapriżi **mikro u** żgħar u ta' daqs medju ("SMEs").

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Meta ma jkun hemm l-ebda metodu xjentifiku rikonoxxut jew ma jkunx hemm biżżejjed evidenza biex jiġu vvalutati l-impatti u l-aspetti ambjentali, l-esklużjoni ta' dawn l-impatti għandha tkun trasparenti u għandhom isiru sforzi biex jiġu żviluppati metodi u tiġi akkumulata evidenza ħalli tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-impatt rispettiv. Sakemm jiġi żviluppat il-metodu li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu, ma għandhomx isiru asserzjonijiet li jirreferu għal tali impatti ambjentali.

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-informazzjoni u **d-data** użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti li magħhom isir it-tqabbil, huma ekwivalenti għall-informazzjoni u **d-data** użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant li huwa soġġett għall-asserzjoni;

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata ma' prodott finali, u l-fażi tal-użu tkun fost l-aktar stadji rilevanti taċ-ċiklu tal-**ħajja** ta' dak il-prodott, l-asserzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kif il-konsumatur jenħtieġ li juża l-prodott sabiex jikseb il-prestazzjoni ambjentali mistennija ta' dak il-prodott. Dik l-informazzjoni għandha ssir disponibbli flimkien mal-asserzjoni.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata mal-prestazzjoni ambjentali futura ta' **prodott jew** kummerċjant, **din għandha tinkludi** biż-żmien għal titjib fl-operazzjonijiet proprji u fil-ktajjen tal-

Emenda

(a) l-informazzjoni, **id-data** u **l-metodi** użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti li magħhom isir it-tqabbil, huma ekwivalenti għall-informazzjoni, **id-data** u **l-metodi** użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant li huwa soġġett għall-asserzjoni;

Emenda

3. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata ma' prodott finali, u l-fażi tal-użu **jew il-fażi tat-tmiem tal-ħajja** tkun fost l-aktar stadji rilevanti taċ-ċiklu tal-**ħajja** ta' dak il-prodott, l-asserzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kif il-konsumatur jenħtieġ li juża **jew jarmi** l-prodott sabiex jikseb il-prestazzjoni ambjentali mistennija ta' dak il-prodott. Dik l-informazzjoni għandha **tkun viżibbli b'mod ċar u** ssir disponibbli flimkien mal-asserzjoni.

Emenda

4. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata mal-prestazzjoni ambjentali futura ta' kummerċjant, **il-kummerċjant għandu:**

valur.

- (a) *jinkludi impenn marbut biż-żmien, ibbażat fuq ix-xjenza u li jista' jitkejjel għal titjib fl-operazzjonijiet proprji u fil-ktajjen tal-valur,*
- (b) *jinkludi pjan ta' implimentazzjoni li jkun fih miri interim li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jiġu vverifikati u elementi rilevanti oħra meħtieġa biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni, bħall-allokazzjoni tar-riżorsi, pjan ta' monitoraġġ u pjan ta' rapportar ibbażat fuq ir-rapportar u l-verifiki f'intervalli regolari,*
- (c) *jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), inkluż ir-riżultati tar-rapportar.*

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar l-impatti ambjentali kumulattivi ta' prodott jew kummerċjant ibbażati fuq indikatur aggregat tal-impatti ambjentali jistgħu jsiru biss *abbażi tar-regoli* għall-kalkolu *ta' tali indikatur* aggregat *li huma stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni*.

Emenda

5. L-asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar l-impatti ambjentali kumulattivi ta' prodott jew kummerċjant ibbażati fuq indikatur aggregat tal-impatti ambjentali jistgħu jsiru biss *meta dawn ikunu bbażati fuq tikketti ambjentali konformi mal-Artikolu 7. Meta jsiru tali asserzjonijiet, ir-regoli użati* għall-kalkolu *tal-indikatur* aggregat *għandhom jiġu kkomunikati lill-konsumaturi*.

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita u dwar is-sostanzjar għandha tkun disponibbli flimkien mal-asserzjoni f'forma fiżika jew fil-forma ta' weblink, kodiċi QR jew l-ekwivalenti.

Emenda

L-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita u dwar is-sostanzjar għandha tkun disponibbli *għall-pubbliku* flimkien mal-asserzjoni f'forma fiżika jew fil-forma ta' weblink, kodiċi QR, *passaport diġitali tal-prodotti* jew l-

ekwivalenti.

Emenda 82

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istudji jew il-kalkoli sottostanti użati għall-valutazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali koperti mill-asserzjoni, mingħajr ma jitħallew barra r-riżultati ta' tali studji jew kalkoli u, l-ispejjezzjonijiet tal-ambitu, tas-suppożizzjonijiet u tal-limitazzjonijiet tagħhom, sakemm l-informazzjoni ma tkunx sigriet kummerċjali f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/943¹¹² ;

¹¹² Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konozzenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigriet kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

Emenda

(c) l-istudji, ***il-metodi*** jew il-kalkoli sottostanti, ***inkluż il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 3***, użati għall-valutazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali koperti mill-asserzjoni, mingħajr ma jitħallew barra r-riżultati ta' tali studji jew kalkoli u, l-ispejjezzjonijiet tal-ambitu, tas-suppożizzjonijiet u tal-limitazzjonijiet tagħhom, sakemm l-informazzjoni ma tkunx sigriet kummerċjali f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/943¹¹² ;

¹¹² Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konozzenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigriet kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

Emenda 83

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) deskrizzjoni tat-tip ta' sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li l-iskema ta' tikkettar ambjentali għandha stabbilita biex tiżgura li jitwettqu valutazzjonijiet regolari tal-prestazzjoni u tal-impatti;

Emenda 84

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti relatati mal-klima li ***jiddependu fuq il-kumpensi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, informazzjoni dwar sa liema punt jiddependu fuq il-kumpensi u jekk dawn humiex relatati mat-tnaqqis jew mal-assorbimenti tal-emissjonijiet***;

(f) għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti relatati mal-klima li ***jużaw krediti tal-karbonju, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(h), (ħa) u (ja)***;

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) L-asserzjonijiet ambjentali li jsiru minn industriji li jniġġsu ħafna għandhom isiru f'termini relattivi biex jippermettu lill-konsumaturi jifhmu l-impatt negattiv ġenerali tal-prodott fuq l-ambjent;

Emenda 86

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. ***Meta s-sostanzjar ta' ċerti impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali jkun soġġett għar-regoli stabbiliti fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4(a) u l-paragrafu 4(c) tal-Artikolu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għall-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stabbiliti fl-Artikolu 5 billi tispeċifika aktar l-informazzjoni li tista' tiġi jew għandha tiġi kkomunikata fir-rigward ta' tali impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali,***

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għall-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stabbiliti fl-Artikolu 5 billi tispeċifika aktar l-informazzjoni li tista' tiġi jew għandha tiġi kkomunikata fir-rigward ta' tali impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, ***b'mod partikolari meta s-sostanzjar ta' ċerti impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali jkun soġġett għar-regoli***

sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

stabbiliti f'atti delegati msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4(a) u l-paragrafu 4(c).

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jekk tikketta ambjentali turi prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonoxxuta kif definit fl-ECGT, l-Artikolu 2(s) jew tiġi żviluppata minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur rikonoxxuti u meta l-metodu tagħhom ikun ibbażat fuq l-użu ta' metodi ta' valutazzjoni xjentifiċi u riproduttibbli, it-tikketta għandha tiġi soġġetta biss għal verifika skont l-Artikolu 10(2), iżda mhux ir-rekwiżiti u l-ittestjar relatat għal kull grupp ta' prodotti jew servizzi individwali kopert mit-tikketta.

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Tikketti ambjentali mogħtija skont skemi ta' tikkettar ambjentali **stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni** biss jistgħu jippreżentaw klassifikazzjoni jew punteġġ ta' prodott jew kummerċjant abbażi ta' indikatur aggregat tal-impatti ambjentali ta' prodott jew kummerċjant.

2. Tikketti ambjentali **li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu u** mogħtija skont skemi ta' tikkettar ambjentali **li huma stabbiliti fuq metodi ta' valutazzjoni xjentifiċi, indipendenti u riproduttibbli u approċċ ta' ċiklu tal-ħajja** biss jistgħu jippreżentaw klassifikazzjoni jew punteġġ ta' prodott jew kummerċjant abbażi ta' indikatur aggregat tal-impatti ambjentali ta' prodott jew kummerċjant.

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1

1. ***Skema ta' tikkettar ambjentali tfisser skema ta' ċertifikazzjoni li tiċċertifika li prodott, proċess jew kummerċjant jikkonforma mar-rekwiżiti għal tikketta ambjentali.***

imħassar

Emenda 90

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' tikkettar ambjentali tkun trasparenti, aċċessibbli mingħajr ħlas, faċli biex tinftiehem u dettaljata biżżejjed;

(a) l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' tikkettar ambjentali tkun trasparenti, aċċessibbli mingħajr ħlas online, faċli biex tinftiehem u dettaljata biżżejjed ***u disponibbli online jew fuq mezz li jservi fit-tul;***

Emenda 91

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' tikkettar ambjentali huma ħielsa minn kunflitti ta' interess u huma indipendenti minn kummerċjanti li jużaw it-tikketta;

Emenda 92

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-kundizzjonijiet għas-*sħubija* fl-iskemi ta' tikkettar ambjentali huma proporzjonati għad-daqs u l-fatturat tal-kumpaniji sabiex ma jiġux esklużi l-

(c) il-kundizzjonijiet għas-*sħubija* fl-iskemi ta' tikkettar ambjentali huma proporzjonati għad-daqs u l-fatturat tal-kumpaniji sabiex ma jiġux esklużi l-

intrapriżi żgħar u medji;

intrapriżi *mikro*, żgħar u medji, *inkluż billi jiġu stabbiliti tariffi raġonevoli u mhux diskriminatorji*;

Emenda 93

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test proposit mill-Kummissjoni

(d) ir-rekwiżiti għall-iskema ta' tikkettar ambjentali ġew żviluppati minn esperti li jistgħu jiżguraw ir-robustezza xjentifika tagħhom u ġew sottomessi għal konsultazzjoni lil grupp eteroġenu ta' partijiet ikkonċernati li rrieżaminahom u żgura r-rilevanza tagħhom minn perspettiva soċjetali;

Emenda

(d) ir-rekwiżiti għall-iskema ta' tikkettar ambjentali ġew żviluppati minn esperti li jistgħu jiżguraw ir-robustezza xjentifika tagħhom u ġew sottomessi għal konsultazzjoni *trasparenti* lil grupp eteroġenu ta' partijiet ikkonċernati *jew ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati* li rrieżaminahom u żgura r-rilevanza tagħhom minn perspettiva soċjetali. *Il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, inkluż billi jkunu indipendenti mis-sid tal-iskema ta' tikkettar ambjentali, u għandhom jinkludu, bħala minimu, esperti rilevanti*;

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test proposit mill-Kummissjoni

(f) l-iskema ta' tikkettar ambjentali tistabbilixxi proċeduri biex jiġi ttrattat in-nuqqas ta' konformità u ttipprevedi l-irtirar jew is-sospensjoni tat-tikketta ambjentali f'każ ta' nuqqas ta' konformità *persistenti u flagranti* mar-rekwiżiti tal-iskema.

Emenda

(f) l-iskema ta' tikkettar ambjentali tistabbilixxi proċeduri *trasparenti* biex jiġi ttrattat in-nuqqas ta' konformità u ttipprevedi l-irtirar jew is-sospensjoni tat-tikketta ambjentali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-iskema;

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

(fa) l-iskema ta' tikkettar ambjentali għandha sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni robusta biex tirrieżamina regolarment l-oġġettivi, l-istrateġiji, il-prestazzjoni u l-impatti tagħha, abbażi tal-aqwa prattiki, data xjentifika u evidenza l-aktar reċenti, u meta jkun rilevanti, biex taġġorna r-rekwiżiti tagħha f'konformità mas-sejbiet.

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] l-ebda skema ta' tikkettar ambjentali reġjonali ġdida ma għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Madankollu, l-iskemi ta' tikkettar ambjentali nazzjonali jew reġjonali stabbiliti qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali fis-suq tal-Unjoni, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

imħassar

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-iskemi ta' tikkettar ambjentali jistgħu jiġu stabbiliti biss skont id-dritt tal-Unjoni.

imħassar

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 4

4. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] kwalunkwe skema ġdida ta' tikkettar ambjentali stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi li tagħti tikketti ambjentali biex jintużaw fis-suq tal-Unjoni, għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma tidħol fis-suq tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat li dawn it-tikketti jipprovdu valur miżjud sinifikanti f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom inkluż b'mod partikolari l-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp jew settur ta' prodotti, meta mqabbla mal-iskemi eżistenti tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali **msemmija fil-paragrafu 3**, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Skemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali li għandhom jintużaw fis-suq tal-Unjoni, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

4. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] kwalunkwe skema ġdida ta' tikkettar ambjentali stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi **tal-Istati Membri jew** f'pajjiżi terzi li tagħti tikketti ambjentali biex jintużaw fis-suq tal-Unjoni, għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, **mingħajr dewmien żejjed**, qabel ma tidħol fis-suq tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat li dawn it-tikketti jipprovdu valur miżjud sinifikanti f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom inkluż b'mod partikolari l-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp jew settur ta' prodotti, meta mqabbla mal-iskemi eżistenti tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Skemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi **tal-Istati Membri jew** f'pajjiżi terzi qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali li għandhom jintużaw fis-suq tal-Unjoni, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Emenda 99

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] jiġu approvati biss jekk dawk l-iskemi jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom, inkluża **b'mod partikolari** l-firxa tal-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp ta' prodotti jew settur u l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw it-

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] jiġu approvati biss jekk dawk l-iskemi jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom, inkluża l-firxa tal-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp ta' prodotti jew settur u l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-

tranżizzjoni ekoloġika tal-SMEs, *meta mqabbla mal-iskemi reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni eżistenti msemija fil-paragrafu 3*, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

SMEs, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. *Skemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti mill-operaturi privati qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali, li għandhom jintużaw fis-suq tal-Unjoni, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.*

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) deskrizzjoni ta' kif jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva;

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-evidenza li l-iskema se tipprovdi valur miżjud kif stabbilit fil-paragrafu 4 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi *f'pajjiżi terzi*, jew fil-paragrafu 5 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati;

(c) l-evidenza li l-iskema se tipprovdi valur miżjud kif stabbilit fil-paragrafu 4 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi, jew fil-paragrafu 5 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati;

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dokumenti msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni fil-każ tal-iskemi msemija fil-paragrafu 4 jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-każ tal-iskemi msemija fil-paragrafu 5, flimkien maċ-ċertifikat ta' konformità għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali mfassal f'konformità

Id-dokumenti msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom *isiru disponibbli għall-pubbliku u* jiġu għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni fil-każ tal-iskemi msemija fil-paragrafu 4 jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-każ tal-iskemi msemija fil-paragrafu 5, flimkien maċ-ċertifikat ta' konformità għall-iskemi

mal-Artikolu 10.

ta' tikkettar ambjentali mfassal f'konformità mal-Artikolu 10.

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' **tikketti** ambjentali **rikonoxxuti uffċjalment** li jistgħu jintużaw fis-suq tal-Unjoni wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] skont il-paragrafi 3, 4 u 5.

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' **skemi ta' tikkettar** ambjentali **li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u tikketti ambjentali kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 66/2010**, li jistgħu jintużaw fis-suq tal-Unjoni wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] skont il-paragrafi 3, 4 u 5, **inkluż l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 6. Din il-lista għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas u tiġi ppreżentata b'mod li jinftehem.**

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni maħsuba** biex:

Emenda

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, **sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]**, tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 18** biex:

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jipprovdu rekwiżiti dettaljati għall-

Emenda

(a) jipprovdu rekwiżiti dettaljati għall-

approvazzjoni ta' skemi ta' tikkettar ambjentali skont il-kriterji msemija fil-paragrafi 4 u 5;

approvazzjoni ***u r-rieżami*** ta' skemi ta' tikkettar ambjentali skont il-kriterji msemija fil-paragrafi 4 u 5;

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 19.

Emenda

imħassar

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiġi rieżaminata u aġġornata mill-kummerċjanti meta jkun hemm ċirkostanzi li jistgħu ***jaffettwaw*** l-akkuratezza ta' asserzjoni, u mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta jiġi pprovdut it-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 5(6). Fir-rieżami, il-kummerċjant għandu jirrevedi l-informazzjoni sottostanti użata biex jiżgura li r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4 jiġu rrispettati bis-sħiħ.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiġi rieżaminata u aġġornata mill-kummerċjanti meta jkun hemm ċirkostanzi li jistgħu ***jibdlu*** b'mod sinifikanti l-akkuratezza ta' asserzjoni, u mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta jiġi pprovdut it-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 5(6). Fir-rieżami, il-kummerċjant għandu jirrevedi l-informazzjoni sottostanti użata biex jiżgura li r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4 jiġu rrispettati bis-sħiħ.

Emenda 108

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kummerċjant ma għandux ikun obligat jirrieżamina s-sostanzjar u lanqas jerġa' japplika għaċ-ċertifikazzjoni f'każ ta' żbalji fl-ortografija jew bidliet

żgħar oħra fit-test tal-asserzjoni jekk dan ma jaffettwax is-sustanza u l-akkuratezza tal-asserzjoni.

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti fl-isfond tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 3 sa 7.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti fl-isfond tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 3 sa 7. ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dawk il-proċeduri regolament.***

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tal-konformità tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tal-konformità tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8. ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dawk il-proċeduri regolament.***

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta jistabbilixxu l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kost tal-verifika u ċ-ċertifikazzjoni jqis il-kumplexsità tas-sostanzjar tal-asserzjoni, u d-daqs u l-fatturat tal-kummerċjanti li jitolbu verifika u ċertifikazzjoni

b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħir u ta' daqs medju.

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Ir-rekwiżiti ta' verifika ma għandhomx japplikaw għall-kummerċjanti li juru tikketta ambjentali vverifikata f'konformità ma' dan l-Artikolu meta jagħmlu asserzjoni ambjentali espliċita rigward l-aspetti ambjentali, l-impatti u l-prestazzjoni ambjentali ċċertifikati minn dik it-tikketta. L-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 5(6) għandha tkun dik tal-iskema ta' tikkettar ambjentali.

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u skemi ta' tikkettar ambjentali għandha titlesta fi 30 jum. Il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jestendi l-perjodu għal verifika għal aktar minn 30 jum f'każijiet ġustifikati kif xieraq. Il-verifikaturi għandhom jipprovdu stima tal-perjodu tal-proċedura ta' verifika lill-kummerċjant fid-data meta tkun ġiet sottomessa talba għall-verifika.

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. L-ċertifikat ta' konformità għandu

7. L-ċertifikat ta' konformità għandu

jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-lista ta' ċertifikati ta' konformità permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-lista ta' ċertifikati ta' konformità permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012. ***Ladarba jingħata u jiġi nnotifikat ċertifikat tal-konformità, l-iskema ta' tikkettar jew l-asserzjoni ambjentali tista' tintuża fl-Unjoni, sakemm l-iskema jew l-asserzjoni tiġi kkomunikata b'lingwa li tista' tinftiehem mill-konsumaturi fl-Istat Membru fejn jiġi kkummerċjalizzat il-prodott jew is-servizz. Iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku f'bażi ta' data li tista' tiġi mfittxija li tidentifika b'mod ċar il-kummerċjant, it-tip ta' asserzjoni, il-metodu ta' valutazzjoni u s-settur.***

Emenda 115

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi dettalji dwar il-forma taċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fil-paragrafu 5 u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikat ta' konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Emenda 116

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9. ***Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva],*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi dettalji dwar il-forma taċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fil-paragrafu 5 u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikat ta' konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Emenda

9a. L-Istati Membri jistgħu jipprijoritizzaw il-verifika tal-

*asserzjonijiet ambjentali eżistenti
magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva.*

Emenda 117

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-verifikatur għandu jkollu għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kwalifikati u b'esperjenza xierqa responsabbli biex iwettqu l-kompiti ta' verifika;

Emenda

(e) il-verifikatur għandu jkollu ***riżorsi adegwati, b'mod partikolari kapaċitajiet tekniċi u*** għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kwalifikati u b'esperjenza xierqa, ***b'esperjenza fil-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, meta meħtieġ***, responsabbli biex iwettqu l-kompiti ta' verifika;

Emenda 118

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-persunal ta' verifikatur għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti ta' verifika;

Emenda

(f) il-persunal ta' verifikatur għandu josserva s-segretezza professjonali ***u jaġixxi f'konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2016/943***, fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti ta' verifika; ***meta l-verifikatur ma jirċevix l-informazzjoni prerekwiżita għall-verifika minħabba l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, il-verifikatur ma għandux joħroġ ċertifikat ta' konformità***;

Emenda 119

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) meta verifikatur jissottokuntratta kompiti speċifiċi konnessi mal-verifika jew

Emenda

(g) meta verifikatur jissottokuntratta kompiti speċifiċi konnessi mal-verifika jew

jirrikorri għal sussidjarja, huwa għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa minn sottokuntratturi jew sussidjarji u għandu jivvaluta u jimmonitorja l-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u l-ħidma mwettqa minnhom.

jirrikorri għal sussidjarja, huwa għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa minn sottokuntratturi jew sussidjarji u għandu jivvaluta u jimmonitorja l-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u l-ħidma mwettqa minnhom. ***Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3, il-punti (a) sa (f), għandhom japplikaw ukoll għas-sottokuntratturi u s-sussidjarji.***

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) il-verifikatur għandu jkollu stabbilit mekkaniżmu għas-soluzzjoni tal-ilmenti u tat-tilwim;

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(gb) il-verifikatur li jagħti ċ-ċertifikat ta' konformità għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tal-valutazzjoni tal-asserzjoni li tiġi ċċertifikata u għandu jinżamm responsabbli jekk investigazzjoni ssib li kien negliġenti fil-valutazzjoni tiegħu. Madankollu, dan l-obbligu ta' rendikont japplika biss sakemm il-kummerċjant ma kienx involut fi prattiki kummerċjali qarrieqa kif issottolinjat fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE.

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-verifikaturi akkreditati stabbiliti fi

Stat Membru wieħed f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jistgħu jwettqu attivitajiet ta' verifika fi kwalunkwe Stat Membru ieħor bl-istess kundizzjonijiet bħall-verifikaturi akkreditati stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

Intrapriżi **mikro**, żgħar u ta' daqs medju

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri għandhom mill-inqas jinkludu linji gwida **jew mekkaniżmi simili biex titqajjem kuxjenza dwar modi** ta' konformità mar-rekwiżiti dwar asserzjonijiet ambjentali espliċiti. **Barra minn hekk**, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali miżuri **jistgħu** jinkludu:

L-Istati Membri, **f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni**, għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi **mikro**, żgħar u ta' daqs medju japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri għandhom mill-inqas jinkludu linji gwida **b'eżempji u proċeduri speċifiċi** ta' konformità mar-rekwiżiti dwar asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali miżuri **li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għandhom** jinkludu **wieħed jew aktar milli ġejjin**:

Emenda 125

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) mekkaniżmi oħra biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar modi ta' konformità mar-rekwiżiti dwar

asserzjonijiet ambjentali espliċiti;

Emenda 126

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) assistenza organizzazzjonali u teknika.

Emenda

(d) assistenza organizzazzjonali u teknika ***mfassla apposta***.

Emenda 127

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal.

Emenda 128

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest tal-programmi tal-Unjoni li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju, il-Kummissjoni għandha tqis u tippromwovi inizjattivi li jistgħu jiffaċilitaw il-konformità tal-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

Emenda 129

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jaħtru punti uniċi ta' kuntatt għall-mikrointrapriżi u l-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju minn fejn ikunu jistgħu jitolbu informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti dwar asserzjonijiet ambjentali espliċiti u dwar l-appoġġ disponibbli msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

Emenda 130

Proposta għal direttiva Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

- 1. Sa ... [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, sistema ta' verifika simplifikata li tippermetti lill-kummerċjanti jibbenefikaw minn proċedura simplifikata, li tista' tinkludi preżunzjoni tal-konformità, għal ċerti asserzjonijiet ambjentali. F'dik is-sistema ta' verifika simplifikata, meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha:*
 - a) tagħti prijorità lill-asserzjonijiet ambjentali li ma jirrikjedux li ssir analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ jew l-użu ta' metodi kumplessi, minħabba n-natura tal-asserzjoni;*
 - b) tiffaċilita approvazzjoni aktar mgħaġġla tal-aktar asserzjonijiet ambjentali komuni, f'konformità mal-lista deskritta fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4a;*
 - c) tiffaċilita l-approvazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali li jkunu bbażati fuq standards jew metodi, bħal għal analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, jew li jikkonformaw magħhom, li ġew rikonoxxuti uffiċjalment mill-Kummissjoni, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;*
 - d) tippermetti ċ-ċertifikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali u tikketti ambjentali bbażati fuq ir-regoli tal-kategorija speċifiċi għall-prodott u settorjali żviluppati skont l-Artikolu 3(4)(c) u 5(8), meta tali regoli diġà jipprevedu verifika minn parti terza.*
- 2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-*

Kummissjoni għandha tiżviluppa bażi ta' data ta' dawk l-istandards u l-metodi rikonnoxxuti li jistgħu jibbenifikaw minn proċedura simplifikata, li għandha tiġi rieżaminata u aġġornata regolarment.

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-fini tal-infurzar tal-Artikoli 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jaħtru l-awtoritajiet nazzjonali jew il-qrati responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. ***F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-Artikoli minn 14 sa 17 ta' din id-Direttiva u japplikaw ir-regoli tal-infurzar adottati f'konformità mal-Artikoli minn 11 sa 13 tad-Direttiva 2005/29/KE.***

Emenda

2. Għall-fini tal-infurzar tal-Artikoli 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jaħtru l-awtoritajiet nazzjonali jew il-qrati responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li l-konsumaturi li ssirilhom ħsara fl-interessi ekonomiċi tagħhom minħabba nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva jkollhom aċċess għal rimedji proporzjonati u effettivi f'konformità mal-Artikolu 11a tad-Direttiva 2005/29/KE.***

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta, wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jsibu li s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita jew tal-iskema ta' tikkettar ambjentali ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, huma għandhom jinnotifikaw lill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità u jirrikjedu li l-kummerċjant jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fi żmien 30 jum biex iġib l-asserzjoni ambjentali espliċita jew l-iskema ta' tikkettar ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva jew iwaqqaf l-użu tal-asserzjoni ambjentali espliċita mhux

Emenda

3. Meta, wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jsibu li s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita jew tal-iskema ta' tikkettar ambjentali ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, huma għandhom jinnotifikaw lill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità ***qabel jippubblikaw ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 15(1)*** u jirrikjedu li l-kummerċjant jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fi żmien 30 jum biex iġib l-asserzjoni ambjentali espliċita jew l-iskema ta' tikkettar ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva jew ***fi 30 jum***, iwaqqaf l-użu

konformi u r-referenzi għaliha. Tali azzjoni għandha tkun effettiva u rapida kemm jista' jkun, filwaqt li tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mad-dritt li wieħed jinstema'.

tal-asserzjoni ambjentali espliċita mhux konformi u r-referenzi għaliha. Tali azzjoni għandha tkun effettiva u rapida kemm jista' jkun, filwaqt li tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mad-dritt li wieħed jinstema'.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu fuq bażi ta' talba ġustifikata kif xieraq mill-kummerċjant, f'każijiet eċċezzjonali, li jagħtu lill-kummerċjant estensjoni waħda għat-30 jum oriġinali, li matulhom il-kummerċjant se jkun meħtieġ jieħ u l-azzjoni korrettiva xierqa kollha.

Emenda 133

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistabbilixxu li asserzjoni ambjentali espliċita jew skema ta' tikkettar ambjentali ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom jirrikjedu lill-kummerċjant jiżvela, mingħajr dewmien żejjed, jekk l-asserzjoni ambjentali espliċita jew l-iskema ta' tikkettar ambjentali ġietx ikkomunikata fi Stat Membru ieħor. Meta dan ikun il-każ, l-awtoritajiet kompetenti li stabbilew in-nuqqas ta' konformità għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fejn ġiet ikkomunikata l-asserzjoni jew it-tikketta bir-riżultat tal-evalwazzjoni skont l-Artikolu 15(3).

Emenda 134

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta'

Stat Membru jistabbilixxu li l-verifikaturi jkunu ħarġu ripetutament ċertifikati ta' konformità għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, l-akkreditazzjoni tal-verifikatur għandha tiġi rtirata mingħajr dewmien żgħir.

Emenda 135

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew organizzazzjonijiet meqjusa skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali bħala li għandhom interess **leġittimu** għandhom ikunu intitolati li jressqu lmenti ssostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li kummerċjant qed jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew organizzazzjonijiet meqjusa skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali bħala li għandhom **bizzżejjed** interess għandhom ikunu intitolati li jressqu lmenti ssostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li kummerċjant **jew verifikatur wieħed jew aktar** qed jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 136

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ilment issostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smiġħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni, bil-ħsieb li **jivverifikaw** dawk l-ilmenti. Jekk jiġu kkonfermati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 15.

Emenda

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, **mingħajr dewmien żgħir**, jivvalutaw l-ilment issostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smiġħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni **u l-kummerċjanti jew il-verifikaturi konċernati**, bil-ħsieb li **jidentifikaw in-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jivverifikaw** dawk l-ilmenti. Jekk jiġu kkonfermati l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 15.

Emenda 137

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, jinformaw lill-persuna jew lill-organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li ressqet l-ilment bid-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw jew jirrifjutaw it-talba għal azzjoni mressqa fl-ilment u għandhom jipprovdu r-raġunijiet għaliha.

Emenda

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, malajr kemm jista' jkun ***u fi kwalunkwe każ fi 30 jum minn meta jirċievu t-tħassib sostanzjat u*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, jinformaw lill-persuna jew lill-organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li ressqet l-ilment bid-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw jew jirrifjutaw it-talba għal azzjoni mressqa fl-ilment u għandhom jipprovdu r-raġunijiet għaliha ***u deskrizzjoni tal-passi u l-miżuri ulterjuri li se tieħu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali mill-persuna li tkun ippreżentat it-tħassib.***

Emenda 138

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u għudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku ***mingħajr ħlas b'mod aċċessibbli faċilment u li jinftiehem*** dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u għudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.

Emenda 139

Proposta għal direttiva Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Artikolu 18a
Forum konsultattiv
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi***

forum konsultattiv dwar l-asserzjonijiet ambjentali (il-Forum) li jinvolti parteċipazzjoni bilanċjata ta' rappreżentanti ta' Stati Membri u l-partijiet interessati rilevanti kollha, bħal rappreżentanti tal-industrija, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u rappreżentanti tal-industrija tas-snaġġa', trade unions, kummerċjanti, bejjiegħa bl-imnut, importaturi, riċerkaturi akkademiċi, gruppi ta' protezzjoni ambjentali u organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-forum dwar dan li ġej:

- (i) l-istabbiliment tal-pjanijiet ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 3(4a);*
- (ii) l-iżvilupp ta' atti delegati;*
- (iii) l-aġġornament tar-rekwiżiti għas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali;*
- (iv) kwalunkwe evalwazzjoni tar-rekwiżiti għas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali;*
- (v) kwalunkwe evalwazzjoni tal-effettività tar-rekwiżiti eżistenti għas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali.*

Emenda 140

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkollaboraw b'mod attiv u jiskambjaw b'mod regolari l-aħjar prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 141

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-iżgurar li l-kummerċjanti jagħtu

prijorità b'mod effettiv lit-tnaqqis fl-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u l-ktajjen tal-valur tagħhom, billi jivvalutaw l-adegwatezza tad-dispożizzjonijiet relatati mal-użu tal-kreditu tal-karbonju;

Emenda 142

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ambjent ħieles mit-tossiċità.

Emenda 143

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ambjent ħieles mit-tossiċità billi tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali għal prodotti li fihom sustanzi perikolużi, ħlief meta l-użu tagħhom jitqies essenzjali għas-soċjetà f'konformità mal-kriterji li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni;

imħassar

Emenda 144

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) it-tisħiħ ulterjuri tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-funzjonament tas-suq intern billi tiġi kkunsidrata l-estensjoni tar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għall-intrapriżi mikro;

Emenda 173

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = **30** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda 145

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-intrapriżi żgħar skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/361/KE sa 42 xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

Emenda 146

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu perjodu tranżizzjonali, bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li matulu jistgħu jintużaw l-asserzjonijiet ambjentali eżistenti sottomessi għall-verifika.